**RAPPORT SPEĊJALI** 21/2025 **MT**

# L-appoġġ mill-RRF għal ambjent tan-negozju mtejjeb

## Jindirizza biss parzjalment ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, iżda xi wħud mill-ewwel riżultati kkontribwew għall-progress fl-implimentazzjoni tagħhom



CURIA RATIONUM
QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

# Werrej

Paragrafu


## 01–21 | Messaġġi prinċipali 01

01–07 | **Għalfejn huwa importanti dan il-qasam?**

08–21 | **X'sibna u x'nirrakkomandaw**

## 22–71 | Ħarsa aktar mill-qrib lejn l-osservazzjonijiet tagħna 02

22–47 | **Il-miżuri tal-RRF jindirizzaw biss parzjalment l-isfidi tal-ambjent tan-negozju**

22–26 | L-Istati Membri kollha rċevew sub-CSRs dwar l-ambjent tan-negozju, iżda dawn ivarjaw fin-natura u fil-kamp ta' applikazzjoni tagħhom

27–29 | Il-qasam ta' politika "ambjent tan-negozju" la ġie ddefinit b'mod ċar u lanqas applikat b'mod konsistenti

30–44 | Il-miżuri tal-RRF jindirizzaw biss parzjalment l-isfidi tal-ambjent tan-negozju identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż

45–47 | Xi sfidi strutturali tal-ambjent tan-negozju ma ġewx indirizzati jew ġew indirizzati biss marġinalment

48–71 | **Ir-riformi tal-ambjent tan-negozju ffaċċjaw dewmien, iżda xi wħud mill-ewwel riżultati kkontribwew għall-progress fl-implimentazzjoni tas-CSRs**

49–50 | Il-biċċa l-kbira mir-riformi ffaċċjaw dewmien

51–61 | B'mod ġenerali r-riformi kisbu l-outputs intenzjonati tagħhom, iżda sa issa terz minnhom biss urew riżultati sinifikanti

62–71 | Ir-riformi taħt l-RRF ikkontribwew parzjalment għall-progress fl-implimentazzjoni tas-sub-CSRs

## Annessi

Anness I — Dwar l-awditu

Anness II — Links għal aktar informazzjoni teknika magħmula disponibbli fuq il-pjattaforma ta’ *data* miftuħa tal-QEA

Anness III — Valutazzjoni tal-output tar-riformi li tlestew fl-Istati Membri fil-kampjun

Anness IV — Valutazzjoni tar-riżultati tar-riformi li tlestew fl-Istati Membri fil-kampjun

Anness V — Progress fl-implimentazzjoni tas-sub-CSRs

Anness VI — Ir-rilevanza tar-riformi assenjati taħt l-RRF għall-valutazzjoni li wettqet il-Kummissjoni tas-sub-CSRs dwar l-ambjent tan-negozju fl-Istati Membri inklużi fil-kampjun

## Abbrevjazzjonijiet

## Glossarju

## Risposti tal-Kummissjoni

## Skeda ta’ żmien

## Tim tal-awditjar

# Messaġġi prinċipali

## Għalfejn huwa importanti dan il-qasam?

01 L-"ambjent tan-negozju" huwa kombinament ta' fatturi interni u esterni li jaffettwaw il-ħolqien, l-iżvilupp u l-operat tal-kumpaniji. Dawn il-fatturi jistgħu jkunu ekonomiċi, teknoloġiċi, soċjoloġiċi, soċjali, kulturali u amministrattivi (ara l-fatturi ewlenin fil-*Figura 1*).

### Figura 1 | Fatturi ewlenin li jikkontribwixxu għall-kwalità tal-ambjent tan-negozju




*Sors:* il-QEA.

**02** Fl-UE, il-lockdowns u l-miżuri ta' tbegħid soċjali li kienu ġew imposti biex tiġi miġġielda l-pandemija tal-COVID-19 fixklu b'mod profond lin-negozju u l-kummerċ. Dan it-tfixkil kellu impatt għal żmien qasir, prinċipalment fl-2020, u mbagħad ġie segwit minn effett ta' rikorrenza fl-attività ekonomika fl-2021.

**03** B'rispons għall-pandemija tal-COVID-19, fi Frar 2021 il-Parlament Ewropew u l-Kunsill approvaw ir-Regolament (UE) 2021/241 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) li tammonta għal EUR 650 biljun. L-għan tal-RRF huwa li jittaffew il-konsegwenzi ekonomiċi mill-pandemija tal-COVID-19 u li jitrawwem irkupru ekonomiku sostenibbli, billi jiġu appoġġati l-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti komprensivi.

**04** Biex jirċievu appoġġ mill-RRF, l-Istati Membri kellhom jippreżentaw il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza (RRPs) tagħhom, inkluż sett ta' miżuri (jew riformi jew inkella investimenti) kif ukoll stadji importanti u miri għal dawn il-miżuri. Għall-approvazzjoni ta' dawn il-pjanijiet, ir-Regolament dwar l-RRF jirrikjedi rabta ċara mas-Semestru Ewropew[1]. B'mod partikolari, ir-riformi u l-investimenti stabbiliti fl-RRPs inizjali kienu mistennija li jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti minnhom, identifikati fir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż (CSRs). Is-CSRs ġeneralment jinqasmu f'sub-CSRs tematiċi. Għall-biċċa l-kbira mill-Istati Membri, dawn kienu jinkludu l-isfidi tal-ambjent tan-negozju.

**05** L-objettiv tal-awditu li wettaqna kien li nanalizzaw jekk il-miżuri tal-RRF ikkontribwewx biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi prinċipali tal-ambjent tan-negozju identifikati matul is-Semestru Ewropew u stabbiliti fis-CSRs.

[1] L-Artikoli 18(4)(b) u 19(3)(b) tar-Regolament dwar l-RRF.

06 B'mod aktar speċifiku, aħna eżaminajna:

- jekk u l-punt sa fejn ir-riformi u l-investimenti inklużi fl-RRPs tal-Istati Membri kollha li ġew assenjati sub-CSRs dwar l-ambjent tan-negozju indirizzawx l-isfidi identifikati fis-Semestru Ewropew;
- għal kampjun ta' 25 riforma dwar l-ambjent tan-negozju f'4 Stati Membri (il-Bulgarija, Spanja, Ċipru u l-Awstrija), jekk ġewx implimentati kif ippjanat, f'termini ta' twaqqit, kamp ta' applikazzjoni u kisbiet, kif ukoll l-impatt tagħhom fuq il-valutazzjoni li l-Kummissjoni wettqet fuq l-implimentazzjoni tas-CSRs. L-erba' Stati Membri ntgħażlu abbażi tal-għadd ta' CSRs dwar l-ambjent tan-negozju fl-2019 u l-2020, u l-għadd ta' riformi fl-ambjent tan-negozju ffinanzjati mill-RRF.

07 Ix-xogħol tal-awditjar li wettaqna kopra l-perjodu minn Frar 2020 sa April 2025 u kien ibbażat prinċipalment fuq rieżaminar ta' dokumenti rilevanti u fuq intervisti mal-Kummissjoni. Kien jinkludi wkoll intervisti mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra matul il-missjonijiet tal-awditjar li saru fl-Istati Membri inklużi fil-kampjun tagħna. Permezz tar-rapport tagħna, għandna l-għan li nikkontribwixxu għad-diskussjoni li għaddejja dwar il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) ta' wara l-2027, b'mod partikolari fir-rigward ta' kwalunkwe strument futur ibbażat fuq finanzjament mhux marbut mal-kostijiet. Aktar informazzjoni ġenerali u aktar dettalji dwar l-approċċ tal-awditjar tagħna huma pprovduti fl-***Anness I***.

# X'sibna u x'nirrakkomandaw

08 B'mod ġenerali, aħna nikkonkludu li l-miżuri tal-RRF jindirizzaw biss parzjalment l-isfidi identifikati fis-Semestru Ewropew b'rabta mal-qasam ta' politika "ambjent tan-negozju", iżda xi wħud mill-ewwel riżultati kkontribwew għall-progress fl-implimentazzjoni tas-CSRs f'dan il-qasam.

**09** Skont ir-Regolament dwar l-RRF, ir-riformi u l-investimenti fl-RRPs nazzjonali jridu jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż kollha jew subsett sinifikanti minnhom. Għalkemm żewġ terzi tas-sub-CSRs tal-2019 u tal-2020 ġew indirizzati mir-riformi u l-investimenti li kienu inklużi fl-RRPs, kważi nofshom ġew indirizzati biss marġinalment, u l-ebda waħda ma ġiet indirizzata bis-sħiħ. Barra minn hekk, xi problemi strutturali identifikati fis-sub-CSRs sa issa għadhom ma ġewx indirizzati. Madankollu r-riformi tal-ambjent tan-negozju li tlestew, fl-erba' Stati Membri inklużi fil-kampjun, b'mod ġenerali kisbu l-outputs mistennija, iżda terz minnhom biss setgħu juru riżultati sinifikanti. Ir-riformi taħt l-RRF ikkontribwew parzjalment għal titjiba fil-grad tal-valutazzjoni li l-Kummissjoni wettqet tal-progress fl-implimentazzjoni tas-sub-CSRs rilevanti.

## Il-miżuri tal-RRF jindirizzaw biss parzjalment l-isfidi tal-ambjent tan-negozju

**10** Ħarisna lejn is-sub-CSRs fl-2019 u fl-2020 maħruġa lill-Istati Membri kollha fil-qasam ta' politika tal-ambjent tan-negozju u sibna li filwaqt li s-sub-CSRs tal-2019 spiss jindirizzaw kwistjonijiet strutturali rikorrenti, il-maġġoranza tas-sub-CSRs tal-2020 jiffukaw fuq il-mitigazzjoni tal-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq in-negozji (il-paragrafi ***22*** sa ***26***).

**11** Filwaqt li kemm is-Semestru Ewropew kif ukoll l-RRF għandhom qasam ta' politika "ambjent tan-negozju", aħna sibna inkonsistenzi fil-mod kif il-Kummissjoni ddefinietu u applikatu. Pereżempju, il-maġġoranza tal-miżuri tal-RRF taħt il-qasam ta' politika "ambjent tan-negozju" ma ġewx assenjati lis-sub-CSRs dwar l-ambjent tan-negozju. Dan in-nuqqas ta' allinjament jikkomplika l-valutazzjoni ta' jekk u l-punt sa fejn l-RRF qed tindirizza s-sub-CSRs rilevanti dwar l-ambjent tan-negozju skont il-qasam ta' politika, u tevalwa l-kisbiet tal-interventi fl-oqsma ta' politika rispettivi (il-paragrafi ***27*** sa ***29***).

**12** Abbażi tal-valutazzjoni li wettaqna, aħna kkonkludejna li l-miżuri tal-RRF indirizzaw kważi żewġ terzi tas-sub-CSRs dwar l-ambjent tan-negozju. Madankollu, kważi nofs is-CSRs (41 %) ġew indirizzati biss marġinalment, u l-ebda waħda minnhom ma ġiet indirizzata bis-sħiħ. Għalhekk nikkonkludu li l-RRF tindirizza biss parzjalment l-isfidi tal-ambjent tan-negozju identifikati fis-Semestru Ewropew. Fl-istess ħin, madwar kwart tas-sub-CSRs dwar l-ambjent tan-negozju kienu diġà kisbu progress sostanzjali jew implimentazzjoni sħiħa fl-2024, indipendentement mill-RRF (ara l-***Figura 2*** u l-paragrafi ***30*** sa ***42***).

## Figura 2 | Il-punt sa fejn ġew indirizzati sub-CSRs individwali dwar l-ambjent tan-negozju




*Sors:* il-QEA.

**13** Ħarsa lejn il-kopertura ta' oqsma tematiċi differenti turi li għall-biċċa l-kbira minnhom is-sub-CSRs huma indirizzati kemm mill-RRF kif ukoll lil hinn minnha (ara l-paragrafu ***43*** u l-***Figura 6***). Madankollu, hemm differenzi bejn l-oqsma tematiċi, pereżempju:

- Fi tliet oqsma tematiċi, il-biċċa l-kbira mis-sub-CSRs laħqu progress sostanzjali jew implimentazzjoni sħiħa permezz ta' miżuri li ma jaqgħux taħt l-RRF (titjib fl-aċċess għall-finanzi, simplifikazzjoni tas-sistemi tat-taxxa, u implimentazzjoni ta' programmi ta' wara l-assistenza);
- Għat-tliet oqsma tematiċi l-oħra, il-maġġoranza tas-sub-CSRs kienu tal-anqas parzjalment indirizzati mill-miżuri tal-RRF, iżda l-biċċa l-kbira minnhom biss marġinalment (promozzjoni tal-investimenti privati, tnaqqis tal-piż regolatorju jew amministrattiv, u appoġġ ġenerali ieħor għat-tkabbir u l-kompetittività).

**14** Meta konna qed nikkonsolidaw dawn ir-riżultati fil-livell tal-Istati Membri, sibna li l-kopertura hija marġinali għall-biċċa l-kbira mill-Istati Membri: seba' Stati Membri kienu indirizzaw il-biċċa l-kbira mis-sub-CSRs tal-2019 u l-2020 permezz ta' riformi jew investimenti ffinanzjati mill-RRF. Fil-biċċa l-kbira mill-Istati Membri (16 minn fost 27), madankollu, il-miżuri tal-RRF jindirizzaw biss marġinalment is-sub-CSRs dwar l-ambjent tan-negozju, u l-ebda Stat Membru ma indirizzahom bis-sħiħ (ara l-paragrafi ***44*** sa ***47***).

### Ir-riformi tal-ambjent tan-negozju ffaċċjaw dewmien, iżda xi wħud mill-ewwel riżultati kkontribwew għall-progress fl-implimentazzjoni tas-CSRs

15 Il-biċċa l-kbira mir-riformi taħt l-RRF assenjati lis-sub-CSRs dwar l-ambjent tan-negozju u ppjanati li jitlestew sa Ġunju 2024, fil-kampjun tagħna ta' erba' Stati Membri, ma kinux ġew implimentati saż-żmien indikat fid-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Kunsill rispettivi (CIDs). Minn dawn, madwar terz (36 %) tlestew wara dewmien ta' aktar minn 6 xhur, u kemxejn aktar minn kwart (28 %) kienu għadhom ma tlestewx sa April 2025, meta lestejna x-xogħol tal-awditjar li wettaqna fuq il-post. Minħabba li l-miżuri jeħtieġ li jkunu lesti sal-aħħar ta' Awwissu 2026, aktar dewmien joħloq riskji għat-tlestija tal-miżuri u b'hekk il-kisba ta' riżultati (il-paragrafi ***48*** sa ***50***).

16 B'mod ġenerali r-riformi li tlestew kisbu l-outputs mistennija tagħhom billi laħqu l-istadji importanti u l-miri rilevanti, fil-biċċa l-kbira bl-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ ta' liġi. Barra minn hekk, aħna nikkonkludu wkoll li kisbu riżultati, b'terz minnhom (29 %) li qed juru riżultati sinifikanti u nofs ieħor (47 %) riżultati limitati. Għall-kwart li jifdal (24 %), l-Istati Membri ma setgħux jipprovdu evidenza li turi li r-riżultati kienu nkisbu f'konformità mal-objettiv prinċipali tal-miżura. F'xi każijiet, in-nuqqas ta' riżultati murija kien dovut għall-istadju bikri tal-implimentazzjoni; f'oħrajn, l-Istati Membri ma kinux qed jiġbru din l-informazzjoni. Għall-biċċa l-kbira mir-riformi li tlestew, l-Istati Membri għandhom indikaturi stabbiliti biex jivvalutaw ir-riżultati tal-miżuri maż-żmien, għalkemm mhumiex legalment meħtieġa jagħmlu dan. Madankollu, aħna nosservaw li anke għal dawk ir-riformi li kisbu riżultati sinifikanti, l-impatt potenzjali u l-effetti fit-tul fuq l-ambjent tan-negozju jiddependu minn diversi fatturi. Barra minn hekk jistgħu jitnaqqsu mill-perjodu ta' żmien jew mill-kamp ta' applikazzjoni limitati tal-miżuri, ir-rabta remota tagħhom mal-qasam ta' politika jew ir-riskju ta' treġġigħ lura tal-miżuri taħt l-RRF (il-paragrafi ***51*** sa ***61***).

17 Sa tmiem l-2024, l-Istati Membri kienu għamlu progress sostanzjali jew implimentaw bis-sħiħ 29 minn fost 82 sub-CSRs dwar l-ambjent tan-negozju għall-2019 u l-2020. Madankollu, madwar żewġ terzi tas-sub-CSRs komplew juru biss xi progress jew progress limitat (ara l-paragrafi ***62*** sa ***64***). Barra minn hekk, ninnutaw li terz tal-Istati Membri ma wrew l-ebda progress. Stat Membru wieħed biss implimenta bis-sħiħ is-sub-CSRs kollha tiegħu dwar l-ambjent tan-negozju għall-perjodu 2019–2020, iżda dan għamlu mingħajr l-ebda appoġġ mill-RRF (ara l-paragrafu ***65***). Aħna sibna wkoll li dan mhuwiex każ iżolat. Fil-fatt, kif jidher fil-***Figura 2*** hawn fuq, kwart tas-sub-CSRs kisbu progress sostanzjali jew implimentazzjoni sħiħa mingħajr l-ebda appoġġ mill-RRF. Fil-fehma tagħna, il-progress fl-implimentazzjoni fil-każ tas-CSRs li jirriżultaw minn miżuri tal-RRF, filwaqt li huwa aħjar minn dak fil-qasam tas-suq tax-xogħol, għadu kajman.

**18** L-analiżi li wettaqna tal-impatt tal-miżuri tal-RRF fl-4 Stati Membri inklużi fil-kampjun turi li dawn ikkontribwew biss parzjalment għall-progress fl-implimentazzjoni tas-sub-CSRs: il-Kummissjoni tejbet il-grad ta' 9 mill-15-il sub-CSRs (f'Ċipru, fi Spanja u fl-Awstrija), filwaqt li 5 baqgħu l-istess u waħda tnaqqset fil-grad. Għal sitta mis-sub-CSRs li ttejbilhom il-grad, il-Kummissjoni ddikjarat li l-miżuri tal-RRF ikkontribwew għal dan il-progress, filwaqt li t-tlieta li jifdal (inklużi t-tnejn fil-Bulgarija), ittejbilhom il-grad minħabba fatturi mhux relatati mal-RRF. Barra minn hekk, aħna nosservaw li erba' investimenti fl-Istati Membri inklużi fil-kampjun kkontribwew ukoll għall-aġġornament tas-sub-CSRs rilevanti (ara l-***Figura 3*** u l-paragrafi ***66*** sa ***70***).

### Figura 3 | Progress fl-implimentazzjoni tal-15-il sub-CSRs dwar l-ambjent tan-negozju fl-4 Stati Membri magħżula u fatturi kontribwenti




*Sors:* il-QEA, abbażi ta' *data* pprovduta mill-Kummissjoni.

**19** L-implimentazzjoni tal-RRF għadha għaddejja, u ninnutaw li l-Istati Membri huma mistennija jlestu għadd sinifikanti ta' riformi u investimenti taħt l-RRF assenjati lis-sub-CSRs dwar l-ambjent tan-negozju sa Awwissu 2026 (il-paragrafu ***71***).

## X'nirrakkomandaw

**20** Fir-Rapport Speċjali 10/2025 tagħna dwar ir-riformi tas-suq tax-xogħol taħt l-RRF, aħna għamilna erba' rakkomandazzjonijiet. Tlieta minnhom japplikaw ukoll għall-qasam ta' politika "ambjent tan-negozju" bl-istess skeda ta' żmien:

(a) li tara li jkun hemm kopertura suffiċjenti tal-isfidi ewlenin identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż jekk tfassal strumenti marbuta mar-riformi u/jew mas-CSRs;

(b) tistabbilixxi qafas għall-valutazzjoni tar-riżultati tar-riformi hija u tħejji proposti leġiżlattivi għal strumenti futuri; u

(c) tivvaluta l-kontribut tal-miżuri tal-RRF għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.

21 Apparti dawn, fir-rigward tad-definizzjoni u l-użu ta' oqsma ta' politika, inkluż dak dwar "l-ambjent tan-negozju", aħna nagħmlu r-rakkomandazzjoni li ġejja:

### Rakkomandazzjoni 1

### Użu koerenti u konsistenti tal-kunċett ta' "qasam ta' politika" fl-istrumenti kollha tal-UE u fis-Semestru Ewropew

Biex tara li żgur ikun hemm informazzjoni konsistenti dwar il-prestazzjoni (pereżempju għas-Semestru Ewropew jew għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali), jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha sett uniku ta' oqsma ta' politika ddefiniti b'mod ċar u metodoloġija konsistenti u koerenti biex torbot l-isfidi, l-objettivi, il-miżuri, il-finanzjament u l-indikaturi tal-prestazzjoni ma' qasam ta' politika wieħed jew aktar.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: meta tfassal strumenti li jirreferu għall-oqsma ta' politika għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss.**

# Ħarsa aktar mill-qrib lejn l-osservazzjonijiet tagħna

## Il-miżuri tal-RRF jindirizzaw biss parzjalment l-isfidi tal-ambjent tan-negozju

### L-Istati Membri kollha rċevew sub-CSRs dwar l-ambjent tan-negozju, iżda dawn ivarjaw fin-natura u fil-kamp ta' applikazzjoni tagħhom

**22** Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew u abbażi tal-analiżi li tkun wettqet il-Kummissjoni, il-Kunsill jadotta rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (CSRs) u jitlob lill-Istati Membri kkonċernati biex jieħdu azzjoni ħalli jindirizzaw l-isfidi identifikati. F'konformità mar-Regolament dwar l-RRF, l-RRPs nazzjonali jenħtieġ li jikkontribwixxu biex jindirizzaw l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti minnhom identifikati fis-CSRs eżistenti[2].

**23** L-Istati Membri kollha rċevew sub-CSRs dwar l-ambjent tan-negozju fl-2019 u l-2020, li b'mod ġenerali jirriflettu l-isfidi speċifiċi tagħhom fl-ambjent tan-negozju. B'kollox, il-Kummissjoni assoċjat 82 sub-CSRs mal-qasam ta' politika "ambjent tan-negozju" f'dawn is-sentejn (ara l-link *(1)* għal-lista ta' sub-CSRs dwar l-ambjent tan-negozju għal kull Stat Membru fl-*Anness II*).

---

2 L-Artikoli 18(4)(b) u 19(3)(b) tar-Regolament dwar l-RRF.

24 Għall-analiżi li wettaqna, ġbarna flimkien ukoll is-sub-CSRs dwar l-ambjent tan-negozju għall-2019 u l-2020 skont l-oqsma tematiċi, abbażi tal-fokus prinċipali tagħhom (ara t-*Tabella 1*).

### Tabella 1 | Sub-CSRs dwar l-ambjent tan-negozju, 2019 u 2020

| Oqsma tematiċi għal CSRs assoċjati mal-qasam ta' politika "ambjent tan-negozju" | Għadd ta' sub-CSRs | | |
|---|---|---|---|
| | 2019 | 2020 | Total |
| Promozzjoni tal-investiment privat | 1 | 27 | 28 |
| Titjib tal-aċċess għall-finanzjament u l-appoġġ għal-likwidità | 2 | 19 | 21 |
| Tnaqqis tal-piż regolatorju jew amministrattiv | 9 | 6 | 15 |
| Simplifikazzjoni tas-sistemi tat-taxxa | 1 | 2 | 3 |
| Implimentazzjoni tal-miżuri tal-programm ta' wara l-assistenza | 1 | 1 | 2 |
| Appoġġ ġenerali ieħor għat-tkabbir u l-kompetittività | 6 | 7 | 13 |
| **Għadd totali ta' miżuri** | **20** | **62** | **82** |

*Sors:* il-QEA, abbażi tal-fokus prinċipali tas-CSRs dwar l-ambjent tan-negozju.

25 It-tabella ta' hawn fuq turi wkoll li d-distribuzzjoni tas-sub-CSRs taħt dawn l-oqsma tematiċi kienet tvarja bejn l-2019 u l-2020:

- is-sub-CSRs tal-2019 jirreferu b'mod ġenerali għal sfidi strutturali rikorrenti li l-Istati Membri jkunu ilhom jiffaċċjaw għal snin sħaħ, pereżempju: it-tnaqqis tal-piż amministrattiv jew tar-restrizzjonijiet regolatorji, jew l-appoġġ ġenerali għat-tkabbir u l-kompetittività;
- il-maġġoranza tas-sub-CSRs tal-2020, min-naħa l-oħra, huma b'mod predominanti rispons għall-konsegwenzi tal-pandemija. Dan jinkludi r-rakkomandazzjonijiet biex jiġi inċentivat l-investiment privat u biex jingħata aċċess għall-finanzjament u appoġġ għal-likwidità għan-negozji. Dawn is-sub-CSRs relatati mal-kriżi jispjegaw iż-żieda qawwija fis-sub-CSRs dwar l-ambjent tan-negozju (minn 20 fl-2019 għal 62 fl-2020).

**26** Fir-rigward tal-isfidi tal-ambjent tan-negozju identifikati fis-CSRs tal-2022 u l-2023 (ara l-link ***(1)*** fl-***Anness II***), l-analiżi tagħna wriet li:

- o 5 Stati Membri[3] ma rċevew l-ebda sub-CSR addizzjonali dwar l-ambjent tan-negozju fl-2022 jew fl-2023;
- o it-22 Stat Membru[4] li kien fadal irċevew sub-CSRs addizzjonali rigward:
  - — il-promozzjoni ta' aktar investiment f'setturi speċifiċi (10 sub-CSRs f'6 Stati Membri[5]) — miżuri biex jiġu indirizzati dawn is-sub-CSRs ġew inklużi fl-RRPs tal-Istati Membri kollha kkonċernati;
  - — ir-riforma tal-governanza tal-intrapriżi tal-Istat f'Ċipru (2 sub-CSRs) — skont l-informazzjoni pprovduta fl-RRP, din se tiġi indirizzata prinċipalment minn miżuri li ma jaqgħux taħt l-RRF;
  - — soluzzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli (43 sub-CSR fi 22 Stat Membru) — miżuri biex jiġu indirizzati dawn is-sub-CSRs ġew inklużi fl-RRPs ta' 9 Stati Membri[6] kkonċernati. Billi dan il-qasam huwa suġġett għal awditu li l-QEA għadha qed twettaq, aħna ma vvalutajniex il-punt sa fejn dawn il-miżuri jindirizzaw is-CSRs fid-dettall.

## Il-qasam ta' politika "ambjent tan-negozju" la ġie ddefinit b'mod ċar u lanqas applikat b'mod konsistenti

**27** Għall-koordinazzjoni interna tagħha tal-proċess tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni ddefiniet 37 qasam ta' politika għas-CSRs (fejn assoċjat kull CSR ma' qasam ta' politika wieħed jew xi kultant tnejn). Madankollu, għall-RRF, il-Kummissjoni ma użatx dawn l-oqsma ta' politika iżda ddiżaggregat is-6 pilastri ddefiniti fir-Regolament dwar l-RRF fi 52 qasam ta' politika, u ttaggjat kull riforma jew investiment ma' massimu ta' 2 oqsma ta' politika.

[3] il-Bulgarija, il-Latvja, il-Litwanja, Malta u r-Rumanija.

[4] il-Belġju, iċ-Ċekja, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Lussemburgu, l-Ungerija, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja, l-Iżvezja.

[5] il-Ġermanja, il-Greċja, Franza, in-Netherlands, il-Polonja, l-Iżvezja.

[6] il-Belġju, iċ-Ċekja, il-Greċja, Spanja, Malta, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, il-Finlandja.

**28** Filwaqt li kemm is-Semestru Ewropew kif ukoll l-RRF jinkludu qasam ta' politika msejjaħ "ambjent tan-negozju", ma hemm l-ebda definizzjoni ċara tal-kunċett innifsu. B'riżultat ta' dan, aħna sibna inkonsistenzi fil-mod kif il-Kummissjoni applikatu. Pereżempju:

- kważi żewġ terzi (63 %) tal-miżuri tal-RRF taħt il-qasam ta' politika dwar l-ambjent tan-negozju ma ġewx assenjati mill-Kummissjoni lis-sub-CSRs dwar l-ambjent tan-negozju;
- bl-istess mod, is-sub-CSRs dwar l-ambjent tan-negozju ġew fil-biċċa l-kbira indirizzati mill-miżuri tal-RRF ittaggjati ma' oqsma ta' politika oħrajn tal-RRF (total ta' 38 qasam ta' politika).

**29** Dawn l-inkonsistenzi jikkumplikaw kemm il-valutazzjoni ta' jekk ir-riformi jew l-investimenti taħt l-RRF indirizzawx is-sub-CSRs rilevanti kif ukoll l-evalwazzjoni tal-kisbiet tal-interventi fl-oqsma ta' politika rispettivi, inkluż għall-ambjent tan-negozju. Aħna konna għamilna osservazzjoni simili għal qasam ta' politika ieħor f'rapport preċedenti[7].

## Il-miżuri tal-RRF jindirizzaw biss parzjalment l-isfidi tal-ambjent tan-negozju identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż

**30** Fl-analiżi li wettaqna, aħna qisna miżuri tal-RRF fl-Istati Membri kollha (157 riforma u 254 investiment) li l-Kummissjoni assenjat lis-sub-CSRs dwar l-ambjent tan-negozju. Kif inhuwa ddikjarat hawn fuq, il-maġġoranza ta' dawn il-miżuri kienu ġew ittaggjati ma' oqsma ta' politika oħrajn għall-RRF. Madankollu, aħna ħadnihom inkunsiderazzjoni għall-valutazzjoni tagħna, minħabba r-rilevanza tagħhom għas-sub-CSRs dwar l-ambjent tan-negozju (ara l-link *(2)* fl-*Anness II* għal-lista ta' riformi u investimenti rilevanti).

[7] Ir-Rapport Speċjali 10/2025, il-paragrafu 32.

31 Il-*Figura 4* tippreżenta ħarsa ġenerali lejn l-għadd ta' sub-CSRs dwar l-ambjent tan-negozju għall-2019 u l-2020, u l-miżuri tal-RRF relatati għal kull Stat Membru. L-RRPs nazzjonali jvarjaw b'mod sinifikanti, kemm fl-għadd kumplessiv ta' miżuri tal-RRF inklużi kif ukoll fil-proporzjon ta' riformi u investimenti. Ir-raġunijiet possibbli għal dawn id-differenzi huma n-natura, il-kamp ta' applikazzjoni tas-CSRs u l-miżuri inklużi fl-RRPs tagħhom, iżda wkoll l-ammont totali ta' finanzjament riċevut mill-RRF. Ninnutaw li t-3 Stati Membri[8] li jinkludew aktar minn 30 miżura fl-RRPs tagħhom indirizzaw fil-biċċa l-kbira s-sub-CSRs tagħhom (ara l-*Figura 7*).

## Figura 4 | Miżuri tal-RRF u sub-CSRs relatati mal-politiki dwar l-ambjent tan-negozju




*Sors:* il-QEA.

8 Il-Greċja, Spanja, Ċipru.

32 Għal kull wieħed mit-82 sub-CSR dwar l-ambjent tan-negozju fl-Istati Membri rilevanti, ivvalutajna l-punt sa fejn il-157 riforma u l-254 investiment taħt l-RRF assenjati lil dawk is-sub-CSRs indirizzaw l-isfidi li ġew identifikati.

33 Aħna bbażajna l-valutazzjoni tagħna fuq ir-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament dwar l-RRF, li jiddikjara li:

- l-RRPs jenħtieġ li jkunu konsistenti mal-isfidi u mal-prijoritajiet speċifiċi għall-pajjiż kif identifikati fil-kuntest tas-Semestru Ewropew[9];
- kull RRP jenħtieġ li jipprovdi spjegazzjoni dettaljata ta' kif jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti minnhom identifikati fis-CSRs rilevanti[10], sabiex "l-isfidi relatati jkunu mistennija li jkunu ġew riżolti jew indirizzati b'mod li jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għar-riżoluzzjoni tagħhom"[11];
- jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta r-rilevanza, l-effikaċja, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP, inkluż jekk l-RRPs humiex mistennija li jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha, jew subsett sinifikanti minnhom, identifikati fis-CSRs rilevanti[12].

34 Preċedentement innutajna li x'jikkostitwixxi "subsett sinifikanti" ta' CSRs la ġie ddefinit mir-Regolament dwar l-RRF u lanqas mill-Kummissjoni, jew jekk dan ir-rekwiżit iridx ikun hemm konformità miegħu għal kull qasam ta' politika jew għall-RRP kollu kemm hu[13]. Dan ifisser li kwalunkwe valutazzjoni dwar jekk l-investimenti u r-riformi inklużi fl-RRP jindirizzawx subsett sinifikanti ta' CSRs għadha sa ċertu punt suġġetta għal ġudizzju.

[9] L-Artikolu 17(3) tar-Regolament dwar l-RRF.

[10] L-Artikolu 18(4)(b) tar-Regolament dwar l-RRF.

[11] Il-Kummissjoni, SWD(2021) 12 final, il-Parti 1, it-Taqsima 2, il-paġna 8.

[12] L-Artikolu 19(3)(b) tar-Regolament dwar l-RRF.

[13] Ir-Rapport Speċjali 21/2022, il-paragrafu 53.

35 Qabel ma ġew adottati l-RRPs, il-Kummissjoni mmappjat il-kontribut tal-komponenti tal-RRP, sett ta' riformi u investimenti, għas-sub-CSRs, u wettqet valutazzjoni kwalitattiva. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni kkonkludiet fil-każijiet kollha li kienu ġew issodisfati r-rekwiżiti regolatorji biex jikkontribwixxu għall-indirizzar effettiv tal-isfidi kollha jew subsett sinifikanti minnhom identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti[14].

36 Kien biss wara li l-RRPs kienu ġew approvati li l-Kummissjoni kompliet timmappja b'mod aktar dettaljat, u assenjat kull miżura ma' sub-CSR waħda jew aktar. Filwaqt li dan ma kienx meħtieġ mir-Regolament dwar l-RRF għall-valutazzjoni tal-RRPs, aħna nqisu li dan huwa l-livell xieraq biex jiġi eżaminat jekk is-CSRs kinux ġew indirizzati b'mod suffiċjenti mill-miżuri tal-RRF, u biex jiġu identifikati dawk li ma kinux ġew indirizzati[15].

37 L-immappjar li l-Kummissjoni wettqet ta' liema riformi u investimenti taħt l-RRF suppost kellhom jindirizzaw sub-CSRs individwali wera li:

- 52 mit-82 sub-CSR (64 %) ġew ivvalutati bħala indirizzati mir-riformi taħt l-RRF;
- 15-il sub-CSR (18 %) ġew ivvalutati bħala indirizzati mill-investimenti taħt l-RRF; u
- 15-il sub-CSR (18 %) ma ġew indirizzati mill-ebda miżura tal-RRF. Madankollu, jistgħu jiġu indirizzati minn azzjonijiet oħra li jittieħdu lil hinn mill-RRF.

38 Espandejna fuq l-immappjar li wettqet il-Kummissjoni fil-livell tal-miżura billi vvalutajna l-punt sa fejn il-miżuri tal-RRF assenjati lil kull sub-CSR kienu verament qed jindirizzaw l-isfidi li kienu ġew identifikati. Aħna bbażajna l-valutazzjoni tagħna fuq id-deskrizzjoni ta' kull miżura, u l-istadji importanti u l-miri korrispondenti inklużi fl-anness għas-CID. B'mod partikolari, assenjajna kull sub-CSR lil waħda mill-ħames kategoriji li ġejjin:

- is-sub-CSR hija "**mhux indirizzata**" jekk l-ebda waħda mill-problemi identifikati fis-sub-CSR ma tiġi indirizzata minn kwalunkwe miżura tal-RRF, jew jekk ma hemm l-ebda riforma marbuta mas-sub-CSR;
- is-sub-CSR hija "**indirizzata marġinalment**" jekk il-problemi ewlenin identifikati fis-sub-CSR ma jiġux indirizzati mill-miżuri tal-RRF;

[14] Id-Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal li jivvalutaw l-RRPs għal kull Stat Membru.

[15] Ir-Rapport Speċjali 10/2025, il-paragrafi 35 u 36 u r-Rapport Speċjali 21/2022, il-paragrafi 49 u 50.

- is-sub-CSR hija "**fil-biċċa l-kbira indirizzata**" jekk il-miżuri tal-RRF ma jindirizzawx biss ftit problemi minuri identifikati fis-sub-CSR;

- is-sub-CSR hija "**indirizzata bis-sħiħ**" jekk il-problemi kollha identifikati fis-sub-CSR jiġu indirizzati mill-miżuri tal-RRF; u

- dawk is-sub-CSRs ivvalutati mill-Kummissjoni bħala li kisbu progress sostanzjali jew implimentazzjoni sħiħa mingħajr l-ebda miżura tal-RRF.

39 L-analiżi li wettaqna sabet li r-riformi taħt l-RRF fil-biċċa l-kbira indirizzaw madwar waħda minn kull ħames (18 %) sub-CSRs dwar l-ambjent tan-negozju u indirizzaw marġinalment terz ieħor (37 %). Aħna ninnutaw ukoll li madwar waħda minn kull ħamsa (19 %) ma ġew indirizzati mill-ebda riforma affattu taħt l-RRF, u li l-ebda waħda mis-sub-CSRs ma ġiet indirizzata bis-sħiħ.

40 Meta qisna wkoll l-investimenti relatati taħt l-RRF, sibna li l-kopertura titjieb kemxejn. Is-sub-CSRs li huma fil-biċċa l-kbira indirizzati mill-investimenti jew mir-riformi taħt l-RRF jiżdiedu minn 18 % għal 26 %, u dawk indirizzati marġinalment minn 37 % għal 41 %. Fl-istess ħin, il-proporzjon ta' sub-CSRs mingħajr l-ebda progress sostanzjali li ma ġew indirizzati mill-ebda miżura taħt l-RRF naqas minn 19 % għal 7 %.

41 Fl-aħħar nett, skont is-segwitu li l-Kummissjoni tat għall-implimentazzjoni tas-sub-CSRs, madwar kwart (26 %) tas-sub-CSRs dwar l-ambjent tan-negozju għamlu progress lejn implimentazzjoni sostanzjali jew sħiħa mingħajr il-ħtieġa ta' kwalunkwe miżura tal-RRF (ara l-***Figura 5***).

## Figura 5 | Il-punt sa fejn ġew indirizzati sub-CSRs individwali dwar l-ambjent tan-negozju




*Sors:* il-QEA.

**42** Il-***Kaxxa 1*** tipprovdi eżempji ta' sub-CSRs u l-punt sa fejn ġew indirizzati.

### Kaxxa 1

#### Sub-CSRs dwar l-ambjent tan-negozju u l-punt sa fejn ġew indirizzati mill-miżuri assenjati taħt l-RRF

**Fil-biċċa l-kbira indirizzata mill-RRF**

**Sub-CSR tal-2020 għall-Portugall**[16] appellat għal appoġġ biex jintużaw teknoloġiji diġitali biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-kumpaniji biex jonqos in-nuqqas ta' ħiliet diġitali, tiġi promossa d-diġitalizzazzjoni tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), u tiżdied il-kapaċità tal-innovazzjoni tan-negozji. L-RRP kien fih erba' riformi u disa' investimenti li għandhom l-għan li jimmodernizzaw is-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ vokazzjonali, inkluż it-titjib tal-ħiliet diġitali, u li jinċentivaw il-kollaborazzjoni bejn l-edukazzjoni u n-negozji sabiex jirrispondu aħjar għall-ħtiġijiet tan-negozji.

[16] Is-Sub-CSR 2.4 tal-2020.

Aħna nemmnu li dawn il-miżuri għandhom il-potenzjal li jnaqqsu d-defiċit tal-ħiliet diġitali.

Madankollu, riforma għal kooperazzjoni aħjar bejn l-edukazzjoni għolja, l-awtoritajiet pubbliċi u n-negozji hija importanti, iżda mhijiex biżżejjed biex tindirizza bis-sħiħ il-problema strutturali fir-rigward tal-kapaċità ta' innovazzjoni tan-negozji identifikata fis-CSR.

Għalhekk aħna nikkonkludu li dawn il-miżuri fil-biċċa l-kbira jindirizzaw is-sub-CSR.

**Sub-CSR indirizzata marġinalment mill-miżuri tal-RRF assenjati**

**Sub-CSR tal-2020 għall-Belġju**[17] għandha l-għan li ttejjeb l-ambjent tan-negozju billi tindirizza pereżempju l-piż amministrattiv u regolatorju tqil, u r-regoli kumplessi tat-taxxa u tax-xogħol.

Il-miżuri rilevanti taħt l-RRF (erba' riformi u sitt investimenti) assenjati lil din is-sub-CSR jindirizzaw parzjalment id-diġitalizzazzjoni għan-negozji u proċeduri amministrattivi aktar rapidi. Madankollu, il-Belġju ma inkludiex miżuri tal-RRF li jindirizzaw elementi oħra tas-CSR relatati mat-tassazzjoni, il-flessibbiltà limitata tal-leġiżlazzjoni dwar ix-xogħol, u l-piż regolatorju għas-servizzi.

Minħabba l-importanza tal-problemi mhux indirizzati, aħna nqisu li s-sub-CSR hija indirizzata marġinalment biss mill-miżuri assenjati lilha.

**Sub-CSR li ma ġiet indirizzata mill-ebda miżura assenjata taħt l-RRF**

**Fl-2020, il-Bulgarija**[18], **l-Estonja**[19], **il-Litwanja**[20] u **l-Lussemburgu**[21] **rċevew sub-CSR** li kienet tesiġi li jippromwovu l-investiment privat biex jitrawwem l-irkupru ekonomiku. Madankollu, dawn ma ġew indirizzati mill-ebda riforma jew investiment assenjati taħt l-RRF, minkejja li ma kisbux progress sostanzjali.

[17] Is-Sub-CSR 3.2 tal-2020.

[18] Is-Sub-CSR 3.4 tal-2020.

[19] Is-Sub-CSR 3.2 tal-2020.

[20] Is-Sub-CSR 3.3 tal-2020.

[21] Is-Sub-CSR 3.3 tal-2020.

**Sub-CSR implimentata mingħajr riformi u investimenti taħt l-RRF**

**Sub-CSR tal-2020 għal Franza**[22] kellha l-għan li tiżgura l-implimentazzjoni effettiva ta' miżuri li jappoġġaw il-likwidità tad-ditti (prinċipalment l-SMEs). Biex tiġi indirizzata din is-sub-CSR, l-RRP Franċiż kien fih biss investiment wieħed u l-ebda riforma.

Madankollu, is-sub-CSR laħqet status ta' *implimentazzjoni sħiħa* qabel ma l-awtoritajiet Franċiżi implimentaw l-investiment. Konsegwentement, is-sub-CSR ġiet implimentata mingħajr il-ħtieġa ta' kwalunkwe miżura taħt l-RRF.

43 Meta nħarsu lejn il-kopertura tas-sub-CSRs skont il-qasam tematiku (ara l-***Figura 6***) aħna nnutajna li:

- fil-biċċa l-kbira mill-oqsma tematiċi, is-sub-CSRs jiġu indirizzati permezz ta' taħlita ta' miżuri tal-RRF kif ukoll ta' miżuri nazzjonali oħra li ma jaqgħux taħt l-RRF (bl-eċċezzjoni ta' miżuri tal-programm ta' wara l-assistenza li huma indirizzati biss minn miżuri li ma jaqgħux taħt l-RRF);
- fi tliet oqsma tematiċi, il-biċċa l-kbira mis-sub-CSRs laħqu progress sostanzjali jew implimentazzjoni sħiħa permezz ta' miżuri li ma jaqgħux taħt l-RRF (titjib tal-aċċess għall-finanzi, simplifikazzjoni tas-sistemi tat-taxxa u implimentazzjoni ta' programmi ta' wara l-assistenza);
- għat-tliet oqsma tematiċi l-oħra, il-maġġoranza tas-sub-CSRs kienu tal-anqas parzjalment indirizzati mill-miżuri tal-RRF, madankollu l-biċċa l-kbira tagħhom biss marġinalment (il-promozzjoni tal-investimenti privati, it-tnaqqis tal-piż regolatorju jew amministrattiv u appoġġ ġenerali ieħor għat-tkabbir u l-kompetittività).
- l-uniku qasam tematiku li għalih is-sub-CSRs ġew indirizzati esklużivament minn miżuri li ma jaqgħux taħt l-RRF huwa l-implimentazzjoni tal-programmi ta' wara l-assistenza filwaqt li l-uniku qasam indirizzat esklużivament mill-RRF huwa t-tnaqqis tal-piż regolatorju jew amministrattiv.

[22] Is-Sub-CSR 3.1 tal-2020.

## Figura 6 | Il-punt sa fejn miżuri qed jindirizzaw sub-CSRs differenti dwar l-ambjent tan-negozju skont il-qasam tematiku




*Sors:* il-QEA.

44 Filwaqt li bnejna fuq l-analiżi li wettaqna dwar il-punt sa fejn ġew indirizzati sub-CSRs individwali, aħna kkonsolidajna r-riżultati għal kull Stat Membru. Din il-valutazzjoni tieħu inkunsiderazzjoni l-għadd ta' sub-CSRs f'kull kategorija (bis-sħiħ/fil-biċċa l-kbira/marġinalment/mhux indirizzati) kif ukoll ir-rilevanza u l-importanza relattiva tagħhom għall-qasam ta' politika "ambjent tan-negozju" fl-Istat Membru rispettiv. B'mod ġenerali, nikkonkludu li f'aktar minn nofs l-Istati Membri (16 minn fost 27), is-sub-CSRs huma indirizzati biss marġinalment mir-riformi u l-investimenti taħt l-RRF assenjati lil dawk is-sub-CSRs. Il-*Figura 7* tagħti ħarsa ġenerali lejn il-valutazzjoni li wettaqna tal-kopertura tas-sub-CSR għal kull Stat Membru. L-*Anness II* jipprovdi l-link *(3)* għall-valutazzjoni dettaljata li wettaqna tal-punt sa fejn il-miżuri taħt l-RRF indirizzaw kull sub-CSR f'kull Stat Membru.

## Figura 7 | Valutazzjoni konsolidata tal-kopertura tas-sub-CSR dwar l-ambjent tan-negozju fil-livell tal-Istati Membri skont ir-riformi u l-investimenti taħt l-RRF



| | | |
|---|---|---|
| (aħmar) | **L-ebda riforma jew investiment mhi qiegħda tindirizza s-sub-CSRs dwar l-ambjent tan-negozju** | Il-Lussemburgu u l-Iżvezja |
| (isfar) | Is-sub-CSRs dwar l-ambjent tan-negozju huma **indirizzati marġinalment** mir-riformi u l-investimenti assenjati taħt l-RRF | Il-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, Franza, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, l-Awstrija, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja u s-Slovakkja |
| (aħdar) | Is-sub-CSRs dwar l-ambjent tan-negozju huma **fil-biċċa l-kbira indirizzati** mir-riformi u l-investimenti assenjati taħt l-RRF | Id-Danimarka, il-Greċja, Spanja, il-Kroazja, Ċipru, in-Netherlands, u l-Portugall |
| (blu) | Is-sub-CSRs dwar l-ambjent tan-negozju huma **indirizzati bis-sħiħ** mir-riformi u l-investimenti assenjati taħt l-RRF | L-ebda Stat Membru |
| (griż) | Is-sub-CSRs dwar l-ambjent tan-negozju kisbu **progress sostanzjali jew implimentazzjoni sħiħa mingħajr** kontributi mingħand riformi jew investimenti assenjati taħt l-RRF | L-Ungerija u l-Finlandja |

*Sors:* il-QEA.

## Xi sfidi strutturali tal-ambjent tan-negozju ma ġewx indirizzati jew ġew indirizzati biss marġinalment

45 Ir-Regolament dwar l-RRF jirreferi għal investimenti u riformi, iżda ma jipprovdi definizzjoni għall-ebda minnhom. F'nota ta' gwida[23] lill-Istati Membri dwar l-RRPs, il-Kummissjoni nnutat li l-għan tal-miżuri tal-RRF — b'mod partikolari r-riformi — huwa li jibdlu l-parametri mil-lat strutturali u b'hekk jikkontribwixxu għal bidliet strutturali.

46 Aħna sibna li l-kamp ta' applikazzjoni u l-ambizzjoni tal-miżuri tal-RRF ivarjaw. Filwaqt li diversi riformi li jindirizzaw sub-CSRs tal-ambjent tan-negozju tabilħaqq kellhom il-potenzjal li jindirizzaw l-isfidi strutturali, riformi oħra kienu inqas probabbli li jagħmlu bidliet u titjib b'impatt sinifikanti u effetti dejjiema, skont in-nota ta' gwida tal-Kummissjoni[24]. Il-***Kaxxa 2*** tipprovdi eżempji ta' dan.

### Kaxxa 2

### Riformi bil-potenzjal li jindirizzaw l-isfidi strutturali

**L-Awstrija — Pakkett tal-bidu**: l-għan tar-riforma huwa li tintroduċi forma legali ġdida ta' kumpanija li hija aktar adatta għal start-ups u SMEs innovattivi, billi toffri allokazzjonijiet ta' ishma flessibbli lill-investituri u lill-impjegati, kif ukoll inċentivi fiskali futuri. Flimkien ma' riformi oħra f'dan il-qasam, l-awtoritajiet Awstrijaċi jipprevedu li sa tmiem l-2028 se jiġu stabbiliti għadd sinifikanti ta' kumpaniji ġodda (7 500), li jikkontribwixxu għal twaqqif u tkabbir tan-negozju aktar mgħaġġel. Fil-fehma tagħna, dan jikkontribwixxi parzjalment għas-sub-CSRs rispettivi tal-2019 u l-2020 li jappellaw għal appoġġ għat-tkabbir tan-negozju u tal-kumpaniji.

### Ir-riforma x'aktarx li ma tindirizzax l-isfidi strutturali

**Ċipru — Politiki li jrawmu l-aċċess għal infrastruttura ta' riċerka u laboratorji ffinanzjati pubblikament:** l-objettiv tar-riforma huwa li tottimizza l-użu tal-infrastruttura tar-riċerka ffinanzjati pubblikament mill-komunità tan-negozju (eż. laboratorji, tagħmir u għodod, informazzjoni ta' speċjalità, oqsma ta' għarfien espert, u servizzi) biex jiġu ffaċilitati sħubijiet kollaborattivi fl-ambjent tar-riċerka u l-innovazzjoni. Ir-riforma għandha l-għan li tagħti spinta lill-investiment privat.

[23] Commission, SWD(2021) 12, il-parti 1/2, p. 14.

[24] *Ibid.*

> Ir-riforma tinvolvi l-iżvilupp ta' pjattaforma elettronika li telenka d-19-il faċilità ta' riċerka pubbliċi kollha, inklużi l-infrastruttura tar-riċerka tagħhom u l-persuna ta' kuntatt. Fil-fehma tagħna, l-iżvilupp ta' pjattaforma elettronika huwa relatat biss indirettament u x'aktarx li ma jindirizzax is-sejħa biex tingħata spinta lill-investiment privat f'Ċipru li saret fis-sub-CSR rispettiva tal-2020.

47 F'rapport speċjali preċedenti[25], aħna nnutajna li, b'mod ġenerali, l-RRPs ikkontribwew għall-biċċa l-kbira mis-CSRs tal-2019 u tal-2020. Fl-istess ħin, aħna enfasizzajna li xi elementi importanti tas-CSRs — fil-biċċa l-kbira relatati ma' sfidi strutturali — baqgħu ma ġewx indirizzati. Dan huwa wkoll il-każ għall-qasam ta' politika "ambjent tan-negozju", b'xi sub-CSRs li jirreferu għal sfidi strutturali li mhumiex indirizzati jew jiġu indirizzati marġinalment biss. Dawn jinkludu:

- is-sub-CSRs tal-2019 li għandhom l-għan li jnaqqsu l-piż regolatorju u amministrattiv għan-negozji fil-Belġju, fiċ-Ċekja, fil-Ġermanja, fi Franza, fl-Awstrija u fis-Slovenja ġew indirizzati biss marġinalment;
- is-sub-CSRs tal-2020 li għandhom l-għan li jippromwovu l-investiment privat fil-Bulgarija, fiċ-Ċekja, fl-Estonja, fil-Litwanja, fil-Lussemburgu u fl-Iżvezja ma ġewx indirizzati.

## Ir-riformi tal-ambjent tan-negozju ffaċċjaw dewmien, iżda xi wħud mill-ewwel riżultati kkontribwew għall-progress fl-implimentazzjoni tas-CSRs

48 F'din it-taqsima, nivvalutaw jekk ir-riformi taħt l-RRF assenjati lis-sub-CSRs dwar l-ambjent tan-negozju f'erba' Stati Membri (il-Bulgarija, Spanja, Ċipru u l-Awstrija) ġewx implimentati kif ippjanat. Għall-valutazzjoni li wettaqna, għażilna 25 riforma fl-4 RRPs nazzjonali li kellhom ikunu lesti sa Ġunju 2024. Iċċekkjajna jekk l-Istati Membri laħqux l-istadji importanti jew il-mira finali tagħhom saż-żmien indikat fis-CIDs inizjali, u f'aġġornamenti sussegwenti tac-CIDs fl-2023. Għalkemm iż-żmien għat-tlestija tas-CID huwa biss indikattiv, jipprovdi informazzjoni utli dwar dewmien potenzjali. L-analiżi li wettaqna ma ħaditx kont tal-investimenti, billi l-biċċa l-kbira minnhom kienu ppjanati li jitlestew wara dik id-data.

[25] Ir-Rapport Speċjali 21/2022, il-paragrafu 53.

## Il-biċċa l-kbira mir-riformi ffaċċjaw dewmien

49 L-analiżi li wettaqna turi li minn 25 riforma, 7 (28 %) ġew irrappurtati li tlestew saż-żmien indikat fis-CID. 11-il riforma oħra (44 %) ġew irrappurtati li tlestew aktar tard milli kien ippjanat inizjalment, b'9 minnhom ittardjati b'aktar minn 6 xhur. Is-7 riformi li kien fadal (28 %) ma kinux ġew irrappurtati bħala lesti sa April 2025 meta ffinalizzajna x-xogħol tal-awditjar tagħna fuq il-post (ara t-*Tabella 2*).

### Tabella 2 | Status ta' implimentazzjoni tar-riformi fil-kampjun li jindirizzaw is-sub-CSRs dwar l-ambjent tan-negozju sa April 2025

| Stati Membri fil-kampjun | Riformi ppjanati li jitlestew sa Ġunju 2024 fis-CID oriġinali | Riformi lesti kif irrappurtaw l-Istati Membri | | | | | | | | Riformi għadhom ma tlestewx | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Tlestew sad-data ta' skadenza indikata fis-CID | | Dewmien żgħir (≤6 xhur) | | Dewmien (>6 xhur ≤12-il xahar) | | Dewmien kbir (>12-il xahar) | | | |
| L-Awstrija | 5 | - | 0 % | - | 0 % | 1 | 20 % | 4 | 80 % | - | 0 % |
| Il-Bulgarija | 10 | 4 | 40 % | - | 0 % | 2 | 20 % | - | 0 % | 4 | 40 % |
| Ċipru | 6 | - | 0 % | 2 | 33 % | 1 | 17 % | 1 | 17 % | 2 | 33 % |
| Spanja | 4 | 3 | 75 % | - | 0 % | - | 0 % | - | 0 % | 1 | 25 % |
| **Total** | **25** | **7** | **28 %** | **2** | **8 %** | **4** | **16 %** | **5** | **20 %** | **7** | **28 %** |
| | | **18 (72 %)** | | | | | | | | **7 (28 %)** | |

*Sors:* il-QEA, abbażi ta' *data* pprovduta mill-Kummissjoni.

50 Għar-riformi li ffaċċjaw dewmien ta' aktar minn 6 xhur (inklużi dawk li ma tlestewx fiż-żmien meta wettaqna l-awditu), ir-raġunijiet mogħtija għad-dewmien ivarjaw u jinkludu nuqqas ta' qbil politiku, sfidi amministrattivi, jew kumplikazzjonijiet tekniċi. L-Awstrija biss kienet lestiet ir-riformi kollha taħt l-RRF assenjati lis-sub-CSRs dwar l-ambjent tan-negozju sakemm iffinalizzajna x-xogħol tal-awditjar tagħna fuq il-post. Minħabba li l-miżuri jeħtieġ li jitlestew sa tmiem Awwissu 2026, aktar dewmien joħloq riskji għat-tlestija tal-miżuri u b'hekk għall-kisba ta' riżultati.

## B'mod ġenerali r-riformi kisbu l-outputs intenzjonati tagħhom, iżda sa issa terz minnhom biss urew riżultati sinifikanti

51 F'konformità mar-Regolament Finanzjarju u l-metodoloġija tagħna stess, aħna nikklassifikaw il-kisbiet ta' riforma jew investiment fil-qasam ta' politika "ambjent tan-negozju" kif ġej:

- **Output:** xi ħaġa prodotta jew miksuba minn riforma jew investiment, bħall-adozzjoni ta' att leġiżlattiv li jintroduċi inċentivi tat-taxxa, inaqqas il-piż amministrattiv, jew ineħħi l-ostakli li jxekklu l-kompetizzjoni.
- **Riżultat**: l-effett immedjat ta' riforma jew investiment mat-tlestija, bħal negozji ġodda li jiġu stabbiliti taħt skemi speċifiċi, jew investiment akbar magħmul minn negozji f'oqsma mmirati relatati mal-inċentivi pprovduti.
- **Impatt**: konsegwenzi usa' għal żmien twil, bħal aċċess akbar għal għażliet ta' finanzjament jew investiment privat, tkabbir ekonomiku ġenerali, u kompetittività.

52 Aħna eżaminajna l-punt sa fejn ir-riformi tal-ambjent tan-negozju taħt l-RRF li kienu ppjanati li jitlestew sa Ġunju 2024 kienu kisbu l-outputs jew ir-riżultati mistennija. Ibbażajna l-valutazzjoni li wettaqna fuq analiżi mhux fuq il-post tal-kisbiet mistennija stabbiliti fis-CID, u l-evidenza pprovduta mill-Istati Membri matul iż-żjarat tagħna u l-interazzjonijiet sussegwenti.

### Kważi r-riformi kollha taħt l-RRF li tlestew kisbu l-outputs intenzjonati tagħhom

53 Aħna vvalutajna jekk l-istadji importanti u l-miri (li jikkorrispondu għal outputs għar-riformi magħżula) intlaħqux b'mod sodisfaċenti. L-analiżi li wettaqna wriet li 17 mit-18-il riforma li tlestew sa April 2025 kienu kisbu l-outputs intenzjonati tagħhom. L-***Anness III*** jipprovdi analiżi dettaljata tal-outputs għal kull waħda minn dawn it-18-il riforma. Speċifikament:

- 17-il riforma kienu laħqu l-istadji importanti u l-miri kollha tagħhom kif stabbilit fil-pjanijiet inizjali, u għalhekk kienu kisbu l-outputs mistennija (pereżempju l-adozzjoni jew id-dħul fis-seħħ ta' liġi); u
- fir-rigward ta' riforma waħda, nikkonkludu li ma kinitx kisbet l-outputs intenzjonati kollha tagħha, billi l-istadju importanti kien tlesta biss parzjalment, minkejja li l-Kummissjoni vvalutat li ntlaħaq b'mod sodisfaċenti.

54 Fl-aħħar nett, għalkemm ir-riformi li tlestew fil-kampjun kienu fil-biċċa l-kbira kisbu l-outputs tagħhom billi laħqu l-istadji importanti u l-miri rispettivi tagħhom, hemm xi limitazzjonijiet ġenerali.

- Kif iddikjarat fl-ewwel parti tal-osservazzjonijiet ta' dan ir-rapport, (ara l-paragrafi *22* sa *26*), ir-riformi jvarjaw fil-kamp ta' applikazzjoni u fin-natura, u f'xi każijiet l-ilħuq tal-istadji importanti u l-miri mhux neċessarjament jissarraf f'bidliet strutturali fl-ambjent tan-negozju tal-Istat Membru rispettiv.

- Kif innutajna f'rapporti preċedenti[26], l-istadji importanti u l-miri tar-riformi huma limitati għall-kejl tal-output. Dan jgħodd ukoll għall-qasam tal-ambjent tan-negozju. Għar-riformi inklużi fil-kampjun, l-istadji importanti u l-miri kollha jikkorrispondu għal outputs, fil-biċċa l-kbira l-adozzjoni ta' liġi. Għalhekk, il-kundizzjoni ta' pagament tintlaħaq hekk kif tkun ġiet adottata l-liġi li tinkludi l-elementi kollha meħtieġa, u mhux meta l-liġi tkun uriet l-effetti tagħha.

55 Fir-rigward tal-valur miżjud tal-RRF, ir-rappreżentanti tal-ministeri rilevanti fl-erba' Stati Membri li żorna ddikjaraw li ħafna mir-riformi kienu diġà ġew diskussi jew identifikati bħala azzjonijiet potenzjali biex jiġu indirizzati sfidi importanti fis-CSRs, qabel ma tfasslet l-RRF. Madankollu, huma ħassew li l-appoġġ finanzjarju taħt l-RRF kellu rwol importanti biex jiżgura li r-riformi kienu ġew fil-fatt implimentati, u implimentati f'dak il-mument.

### Terz tar-riformi li tlestew urew riżultati sinifikanti

56 Għas-17-il riforma li qisna li kellhom l-istadji importanti u l-miri kollha lesti sa April 2025, aħna vvalutajna jekk kienx hemm xi evidenza li r-riżultati jew l-impatti kienu nkisbu bit-tlestija tal-miżura. Għall-valutazzjoni li wettaqna, aħna kklassifikajna l-informazzjoni li l-Istati Membri pprovdew dwar ir-riżultati għal kull riforma bħala:

- "**l-ebda riżultat**", jekk ma setgħet tiġi pprovduta l-ebda evidenza ta' riżultati;

- "**limitati**", jekk ir-riżultati miksuba kienu ferm inferjuri għall-objettiv prinċipali tar-riforma, kif deskritt fis-CID jew f'dokumentazzjoni ta' sostenn rilevanti oħra; u

- "**sinifikanti**", jekk ir-riżultati kienu tal-anqas ġeneralment konformi mal-objettiv prinċipali tar-riforma, kif deskritt fis-CID u f'dokumentazzjoni ta' sostenn rilevanti oħra.

[26] Ir-Rapport Speċjali 21/2022, il-paragrafu 88; ir-Rapport Speċjali 26/2023, il-paragrafu 48.

57 Abbażi tal-analiżi li wettaqna, aħna nqisu li r-riżultati huma sinifikanti għal 5 mis-17-il riforma, filwaqt li l-kisbiet kienu limitati għal 8 oħra. L-Istati Membri ma setgħux jipprovdu evidenza li r-riżultati nkisbu f'konformità mal-objettiv prinċipali tar-riforma taħt l-RRF, għal kemxejn inqas minn kwart tar-riformi li tlestew (4 minn fost 17). Il-*Kaxxa 3* tipprovdi eżempju għal kull kategorija.

## Kaxxa 3

### Riżultati miksuba mir-riformi taħt l-RRF assenjati lis-sub-CSRs dwar l-ambjent tan-negozju

**Riżultati sinifikanti**

Fil-Bulgarija, ir-riforma "L-użu effiċjenti tal-ispettru tal-frekwenza tar-radju" kellha l-għan li ttejjeb it-tħejjija tal-5G u tippromwovi l-iskjerament aċċellerat tal-5G. Ir-riforma, li kienet tikkonsisti fid-dħul fis-seħħ ta' digriet dwar it-tnaqqis tat-tariffi tal-ispettru u t-tlestija tal-assenjament tal-ispettru, uriet riżultati sinifikanti b'kopertura tal-5G tiżdied minn 0 % fl-2020 għal 67 % sal-2023, skont l-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali ppubblikat mill-Kummissjoni.

**Riżultati limitati**

Fl-Awstrija, ir-riforma "Tisħiħ tal-kapital ta' ekwità" li tindirizza parzjalment is-sub-CSR tal-2019 dwar l-appoġġ għat-tkabbir tal-kumpaniji, introduċiet id-digriet dwar ir-rikapitalizzazzjoni, li għamel disponibbli EUR 1 000 000 000 għall-konverżjoni ta' self garantit inadempjenti f'ekwità. Aktar minn 3 snin wara d-dħul fis-seħħ tar-riforma, id-domanda tas-suq għal miżuri ta' rikapitalizzazzjoni kienet baxxa u l-awtoritajiet kienu rċevew 18-il applikazzjoni għal differimenti ta' talbiet ta' responsabbiltà għal self inadempjenti li ammontaw għal madwar EUR 2.5 miljun.

Taħt l-istess riforma, l-awtoritajiet Awstrijaċi introduċew ukoll l-Att dwar il-Fond ta' Kapital ta' Riskju biex jiffaċilitaw il-forniment ta' kapital ta' ekwità jew parteċipazzjoni f'kumpaniji. Ir-riżultati jiddependu wkoll mid-domanda tal-investituri minn żmien medju sa twil. Sa issa, l-ebda kumpanija ta' investiment b'kapital varjabbli ma ġiet stabbilita skont din il-liġi, li daħlet fis-seħħ fl-2023 wara dewmien ta' 18-il xahar minħabba negozjati politiċi li ħadu ż-żmien.

Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, nikkonkludu li filwaqt li r-riforma tipprovdi l-istruttura ġenerali għat-tisħiħ tal-kapital ta' ekwità, sa issa kisbet riżultati limitati ħafna.

**L-ebda evidenza ta' riżultati**

F'Ċipru, ir-riforma "L-inċentivi għall-promozzjoni ta' fużjonijiet u akkwiżizzjonijiet" assenjati lis-sub-CSRs tal-2019 u l-2020 dwar l-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs, tikkonsisti f'pjan ta' azzjoni li jinkludi inċentivi speċifiċi biex jippromwovu l-fużjonijiet jew l-akkwiżizzjonijiet ta' intrapriżi sabiex jikbru u jsiru aktar kompetittivi.

Filwaqt li r-riforma kisbet l-output intenzjonat, li kien l-approvazzjoni tal-pjan ta' azzjoni f'Awwissu 2023, sa issa dan ma wassal għall-ebda riżultat. Pereżempju, f'Ottubru 2024 ma kien hemm l-ebda skema ta' għotjiet fis-seħħ, minkejja li dan kien wieħed mill-objettivi tar-riforma.

**58** Hemm diversi raġunijiet għaliex jinkisbu riżultati limitati jew l-ebda riżultat.

- Ir-riformi jistgħu jkunu suġġetti għal fatturi barra mill-kontroll tal-awtoritajiet nazzjonali. Dawn jaf jinkludu bidliet ekonomiċi.
- L-Istati Membri ma kinux qed jimmonitorjaw ir-riżultati ta' xi riformi jew ma ddefinewx indikaturi adegwati biex ikejlu r-riżultati.
- Ir-riżultati jeħtieġu ż-żmien biex jinkisbu. Dan huwa partikolarment minnu għar-riformi strutturali, li ħafna drabi jinvolvu l-adozzjoni jew il-modifika ta' liġi. Madankollu, l-effetti ta' kwalunkwe bidla legali jaf jieħdu xhur jew snin biex jinħassu fir-realtà. Fil-kampjun tagħna, 8 mill-10 riformi b'evidenza limitata jew l-ebda evidenza ta' riżultati kienu tlestew biss fl-2023 jew fl-2024, u għalhekk jaf għadu kmieni wisq għalihom biex juru riżultati sinifikanti.

**59** Għalkemm ir-Regolament dwar l-RRF ma jirrikjedix b'mod espliċitu li l-Istati Membri jistabbilixxu indikaturi speċifiċi tar-riżultati, dawn huma essenzjali għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni. Għall-kuntrarju tar-riformi tas-suq tax-xogħol[27], l-analiżi li wettaqna wriet li għalkemm l-ebda indikatur tar-riżultati ma kien ġie definit fl-RRP, l-awtoritajiet nazzjonali kellhom indikaturi fis-seħħ biex ikejlu u jivvalutaw l-ilħuq tal-objettivi għall-biċċa l-kbira mir-riformi li tlestew (13 minn fost 17).

**60** It-*Tabella 3* tagħti ħarsa ġenerali lejn ir-riżultati tal-analiżi li wettaqna tas-17-il riforma tal-RRF li kienu tlestew, filwaqt li l-*Anness IV* joffri analiżi dettaljata ta' kull riforma.

[27] Ir-Rapport Speċjali 10/2025, il-paragrafu 65.

## Tabella 3 | Riżultati tar-riformi taħt l-RRF dwar l-ambjent tan-negozju li tlestew fl-erba' Stati Membri magħżula

| Stat Membru | Għadd ta' riformi | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Riżultati sinifikanti | | Riżultati limitati | | L-ebda riżultat | | Total |
| Il-Bulgarija | 1 | 20 % | 3 | 60 % | 1 | 20 % | 5 |
| Spanja | 1 | 33 % | 2 | 67 % | - | 0 % | 3 |
| Ċipru | 1 | 25 % | 1 | 25 % | 2 | 50 % | 4 |
| L-Awstrija | 2 | 40 % | 2 | 40 % | 1 | 20 % | 5 |
| **Total** | **5** | **29 %** | **8** | **47 %** | **4** | **24 %** | **17** |

*Nota*: aħna niffukaw fuq ir-riżultati, billi għadu kmieni wisq biex nivvalutaw l-impatti. Għad-definizzjoni tal-kategoriji differenti, ara l-paragrafu ***56***.

*Sors:* il-QEA, abbażi ta' *data* pprovduta mill-Kummissjoni.

**61** Barra minn hekk, aħna ninnutaw li anke għal dawk ir-riformi li kisbu riżultati sinifikanti, l-impatt potenzjali u l-effetti dejjiema fuq l-ambjent tan-negozju jiddependu minn diversi fatturi u jaf jitnaqqsu minn, pereżempju:

- **Perjodu ta' żmien limitat**: uħud mir-riformi kienu intenzjonati bħala intervent għal skeda ta' żmien limitata, biex jittaffew ix-xokkijiet soċjoekonomiċi tal-pandemija. Eżempju ta' riforma bħal din hija r-riforma Spanjola "Miżuri meħuda fl-2020 u fl-2021 biex jittaffew l-effetti tal-pandemija tal-COVID-19" li stabbilew għadd ta' miżuri ta' differiment tat-taxxa fis-snin 2020 u 2021. Ir-riforma kisbet riżultati sinifikanti matul il-pandemija billi aktar minn 1.5 miljun ħaddiem li jaħdem għal rasu u kumpaniji bbenefikaw minn dan l-appoġġ. Madankollu, l-effetti tagħha ma jidhrux li huma dejjiema. Tabilħaqq, id-dikjarazzjonijiet ta' falliment raw tnaqqis permezz ta' din il-fażi ta' appoġġ, madankollu b'mod ġenerali żdiedu minn tmiem l-2021 sal-2024, u laħqu l-ogħla livell tagħhom f'aktar minn għaxar snin[28].

[28] Eurostat – Quarterly registrations of new businesses and declarations of bankruptcies – statistics.

- **Kamp ta' applikazzjoni limitat tar-riforma**: għalkemm xi riformi jipproduċu riżultati sinifikanti, dawn ir-riżultati x'aktarx li ma jkollhomx impatt kbir fuq il-progress fl-implimentazzjoni tas-sub-CSR rilevanti, minħabba li dawn ir-riformi jindirizzaw biss marġinalment l-isfidi identifikati fis-sub-CSR. Eżempju wieħed fil-kampjun tagħna hija r-riforma Ċiprijotta "Inċentivi għall-investimenti u l-kapital uman fir-riċerka u l-innovazzjoni" li stabbiliet għadd ta' inċentivi biex jiġi attirat l-investiment f'kumpaniji innovattivi, u talent barrani permezz ta' żewġ skemi tal-viża. Filwaqt li r-riforma kisbet riżultati sinifikanti, x'aktarx li ma ttejjibx b'mod sinifikanti l-aċċess għal finanzi għall-SMEs.

- **Rabta pjuttost remota bejn ir-riforma u l-ambjent tan-negozju**: dan japplika pereżempju għar-riforma Awstrijaka "Strateġija Nazzjonali għall-Edukazzjoni Finanzjarja". Bili l-objettiv ta' din ir-riforma huwa li tiġi stabbilita strateġija nazzjonali għall-edukazzjoni finanzjarja u qafas ta' kompetenza biex jiżdied il-livell tal-edukazzjoni finanzjarja fl-iskejjel u għaż-żgħażagħ, hija relatata aktar mill-qrib mal-edukazzjoni milli mal-ambjent tan-negozju.

- **Treġġigħ lura tal-miżuri taħt l-RRF, b'mod partikolari r-riformi**: ir-Regolament dwar l-RRF jipprevedi li l-azzjoni korrettiva għat-treġġigħ lura tista' ssir sal-31 ta' Diċembru 2026, id-data sa liema l-Kummissjoni se tiżborża l-aħħar talbiet għal pagament[29]. Ir-Regolament ma jispeċifikax il-konsegwenzi għal kwalunkwe treġġigħ lura li jseħħ wara li t-talba għall-pagament finali tkun ġiet ivvalutata. Barra minn hekk, oqfsa eżistenti oħra ma jħallux lill-Kummissjoni tegħleb dan ir-riskju b'mod effettiv billi, għal raġunijiet legali, azzjonijiet korrettivi jistgħu jiġu applikati biss f'każijiet speċifiċi ħafna.

## Ir-riformi taħt l-RRF ikkontribwew parzjalment għall-progress fl-implimentazzjoni tas-sub-CSRs

62 Kull sena, fil-pakkett tar-rebbiegħa tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni tippubblika l-valutazzjoni li tkun wettqet tal-implimentazzjoni ta' kull sub-CSR. Hija tuża ħames kategoriji biex tivvaluta l-livell ta' implimentazzjoni tagħhom: "l-ebda progress", "progress limitat", "xi progress", "progress sostanzjali", u "implimentazzjoni sħiħa".

- "**L-ebda progress**": meta Stat Membru la jkun ħabbar u lanqas ma jkun adotta kwalunkwe miżura biex jindirizza s-CSR.

[29] L-Artikolu 24(1) u (3) tar-Regolament dwar l-RRF.

- “**Progress limitat**”: meta Stat Membru jkun ħabbar xi miżuri biex jindirizza s-CSR, iżda dawn ikunu jidhru insuffiċjenti jew l-adozzjoni jew l-implimentazzjoni tagħhom tkun f’riskju.
- “**Xi progress**”: meta Stat Membru jkun ħabbar jew adotta miżuri biex jindirizza s-CSR. Dawn il-miżuri huma promettenti, iżda għadhom ma ġewx implimentati kollha, u l-implimentazzjoni mhijiex ċerta fil-każijiet kollha.
- “**Progress sostanzjali**:” meta Stat Membru jkun adotta miżuri, li l-biċċa l-kbira minnhom ikunu ġew implimentati.
- “**Implimentazzjoni sħiħa**”: meta Stat Membru jkun adotta u implimenta miżuri li jindirizzaw is-CSR b’mod xieraq.

**63** Kif stipulat taħt is-Semestru Ewropew[30], il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-implimentazzjoni tas-CSR tieħu inkunsiderazzjoni t-tfassil tal-politika nazzjonali kollu, u b’hekk tmur lil hinn mill-miżuri taħt l-RRF.

**64** B’mod ġenerali, l-analiżi li wettaqna tal-valutazzjoni li saret mill-Kummissjoni tipprovdi stampa mħallta dwar ir-rata ta’ progress fl-implimentazzjoni tas-sub-CSRs (il-bidla fl-istatus ta’ implimentazzjoni vvalutata mill-Kummissjoni) bejn l-2021 u l-2024. Il-proporzjon ta’ sub-CSRs li kisbu progress sostanzjali jew implimentazzjoni sħiħa żdied minn 21 % fl-2021 għal 35 % fl-2024. Madankollu, madwar żewġ terzi tas-sub-CSRs komplew juru biss xi progress jew progress limitat (ara l-***Figura 8*** u l-***Anness V***).

## Figura 8 | Status ta’ implimentazzjoni tas-sub-CSRs dwar l-ambjent tan-negozju fl-2019 u l-2020, sal-2024




*Sors:* il-QEA, abbażi ta’ *data* pprovduta mill-Kummissjoni.

[30] Ir-Regolament (UE) 2024/1263 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali, il-Premessi 10 u 12 u l-Artikolu 16.

65 Barra minn hekk, aħna ninnutaw li 8 mis-27 Stat Membru ma wrew l-ebda bidla fl-istatus tal-progress fl-implimentazzjoni tagħhom[31], u s-sitwazzjoni fi Stat Membru ieħor fil-verità marret għall-agħar[32]. Stat Membru wieħed biss[33] implimenta b'mod sħiħ u ieħor b'mod sostanzjali[34] s-sub-CSRs kollha tiegħu dwar l-ambjent tan-negozju 20192020, iżda mingħajr l-ebda appoġġ mill-RRF. Fil-fehma tagħna dan jindika li l-progress fl-implimentazzjoni għas-CSRs li jirriżulta mill-miżuri taħt l-RRF, filwaqt li huwa aħjar minn dak fil-qasam tas-suq tax-xogħol[35], għadu kajman.

66 Għall-erba' Stati Membri li għażilna, analizzajna wkoll il-punt sa fejn ir-riformi taħt l-RRF assenjati lis-sub-CSRs dwar l-ambjent tan-negozju kellhom impatt fuq il-valutazzjoni li l-Kummissjoni wettqet tal-implimentazzjoni tas-sub-CSR. Għamilna dan billi l-ewwel identifikajna liema sub-CSRs dwar l-ambjent tan-negozju kienu għamlu progress matul il-perjodu 2021–2024. It-tieni, ivverifikajna jekk — abbażi tal-informazzjoni inkluża fil-valutazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni — din it-titjiba fil-grad irriżultatx mir-riformi tal-ambjent tan-negozju taħt l-RRF implimentati fl-erba' Stati Membri inkwistjoni.

67 B'mod ġenerali, l-4 Stati Membri fil-kampjun tagħna rċevew 15-il sub-CSR. Matul l-aħħar 4 snin, il-Kummissjoni tejbet il-grad tal-valutazzjoni li wettqet għal disa' minn dawn is-sub-CSRs, filwaqt li ħames sub-CSRs ma għamlu l-ebda progress u sub-CSR oħra tnaqqset fil-grad. Barra minn hekk, sibna li għal sitta mid-disa' sub-CSRs li ttejbilhom il-grad fi tliet Stati Membri, il-Kummissjoni tirreferi għar-riformi taħt l-RRF assenjati lilhom bħala li kkontribwew għall-progress tagħhom. Fil-livell tal-Istati Membri, l-unika eċċezzjoni kienet il-Bulgarija, fejn il-valutazzjoni li wettqet il-Kummissjoni ma rreferiet għall-ebda riforma taħt l-RRF assenjata liż-żewġ sub-CSRs li tnaqqsu fil-grad. Barra minn hekk, aħna ninnutaw li żewġ titjibiet fil-grad, waħda għal Spanja u waħda għal Ċipru, jirreferu wkoll għal investimenti (erbgħa b'kollox), li, għalkemm għadhom ma tlestewx, ikkontribwew parzjalment għall-progress fis-sub-CSRs rispettivi (ara l-***Figura 3*** hawn fuq).

[31] Il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, l-Italja, il-Litwanja, Malta, l-Iżvezja.

[32] In-Netherlands.

[33] Il-Finlandja.

[34] L-Ungerija.

[35] Ir-Rapport Speċjali 10/2025, il-paragrafu 67 u l-Anness V.

68 Barra minn hekk, għal tnejn mis-sitt sub-CSRs li għamlu progress, il-valutazzjoni mill-Kummissjoni nbidlet minn "progress limitat" għal "xi progress" minħabba l-impatt tal-miżuri tal-RRF. Fl-erba' każijiet li jifdal, il-valutazzjoni mxiet għal "progress sostanzjali" jew "implimentazzjoni sħiħa" (ara t-*Tabella 4* u l-*Kaxxa 4*).

### Tabella 4 | Bidliet fil-valutazzjoni li l-Kummissjoni wettqet tas-sub-CSRs dwar l-ambjent tan-negozju minħabba l-miżuri assoċjati taħt l-RRF, Ġunju 2024

| Stat Membru | Sub-CSRs | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Sub-CSRs dwar l-ambjent tan-negozju | Ma ttejbilhomx il-grad (2021–2024) | Tnaqqsu fil-grad (2021–2024) | Ittejbilhom il-grad (2021–2024) | Għadd ta' titjibiet fil-grad li jirreferu għall-kontributi tar-riformi u l-investimenti assenjati taħt l-RRF | | | | |
| | | | | | Total ta' dawk li ttejbilhom il-grad (2021–2024) | Minn progress limitat għal xi progress | Minn progress limitat għal progress sostanzjali | Minn xi progress għal progress sostanzjali | Minn progress sostanzjali għal implimentazzjoni sħiħa |
| Il-Bulgarija | 3 | - | 1 | 2 | - | - | - | - | - |
| Spanja | 3 | 1 | - | 2 | 2 | 1 | - | 1 | - |
| Ċipru | 5 | 2 | - | 3 | 2 | 1 | 1 | - | - |
| L-Awstrija | 4 | 2 | - | 2 | 2 | - | - | 1 | 1 |
| **Total** | **15** | **5** | **1** | **9** | **6** | **2** | **1** | **2** | **1** |

*Sors:* il-QEA, abbażi ta' *data* pprovduta mill-Kummissjoni.

## Kaxxa 4

### Miżuri tal-RRF li jikkontribwixxu għat-titjiba fil-grad ta' sub-CSR minn progress "limitat" għal progress "sostanzjali"

Fl-2019, Ċipru rċieva sub-CSR biex jipprovdi sistemi affidabbli u rapidi għall-ħruġ u t-trasferiment ta' titoli ta' proprjetà u drittijiet ta' proprjetà immobbli. Il-Kummissjoni kienet ivvalutat l-implimentazzjoni tagħha bħala "progress limitat" sal-2023.

L-RRP Ċiprijott kien fih riforma biex jiġu indirizzati l-ineffiċjenzi fis-sistema għall-ħruġ u t-trasferiment ta' titoli ta' proprjetà. Ir-riforma kien fiha tliet stadji importanti u mira waħda, li jindirizzaw l-eżaminar u l-ħruġ ta' titoli ta' proprjetà għal każijiet pendenti, l-estensjoni tal-politika l-ġdida dwar l-ippjanar u l-permessi tal-bini, reviżjoni tal-Liġi dwar ir-Regolament dwar it-Toroq u l-Bini, u emenda tal-Liġi dwar il-Bejgħ tal-Proprjetà.

Kif inhuma l-affarijiet bħalissa, il-Liġi dwar il-Bejgħ tal-Proprjetà ġiet emendata, u l-Politika l-ġdida dwar l-Ippjanar u l-Permessi tal-Bini ġiet adottata u estiża biex tippermetti li l-applikazzjonijiet jiġu ppreżentati b'mod elettroniku għall-ippjanar u l-permessi tal-bini.

Il-Kummissjoni tejbet il-grad tal-valutazzjoni li kienet wettqet tal-implimentazzjoni tas-sub-CSR għal "progress sostanzjali" fl-2024, abbażi tal-azzjonijiet li ttieħdu taħt din ir-riforma sa dik is-sena. Ix-xogħol tal-awditjar li wettaqna jikkonferma li r-riforma tabilħaqq ikkontribwiet għall-implimentazzjoni tas-sub-CSR.

**Miżuri tal-RRF li jikkontribwixxu għat-titjiba fil-grad ta' sub-CSR minn progress "limitat" għal "xi progress"**

Fl-2020, Spanja rċeviet sub-CSR biex tippromwovi l-investiment privat biex jitrawwem l-irkupru ekonomiku. Il-Kummissjoni kienet ivvalutat l-implimentazzjoni tagħha bħala li turi "progress limitat" sal-2021.

Il-Kummissjoni vvalutat il-progress fil-promozzjoni tal-investimenti privati permezz ta' miżuri tal-RRF assenjati f'industriji ewlenin:

- investiment għall-promozzjoni tat-trasformazzjoni ta' setturi strateġiċi li huma kruċjali għat-tranżizzjoni industrijali ta' Spanja, bħall-ktajjen tal-valur awtomobilistiċi, ajrunawtiċi u navali (Investiment ES-C[C12]-I[I2] Programm biex tingħata spinta lill-kompetittività u s-sostenibbiltà industrijali); u
- riforma biex tiżdied il-kompetittività tal-industrija tat-turiżmu (Digriet Irjali ES-C[C14]-R[R1] li jimplimenta l-Fond Finanzjarju Statali għall-Kompetittività tat-Turiżmu).

Il-Kummissjoni tejbet il-grad tal-valutazzjoni li kienet wettqet tal-progress fl-implimentazzjoni ta' din is-sub-CSR minn progress "limitat" għal "xi progress" fl-2022. Ix-xogħol tal-awditjar li wettaqna jikkonferma li r-riforma diġà kkontribwiet għall-implimentazzjoni tas-sub-CSR.

69 Għall-kuntrarju tas-sub-CSRs dwar is-suq tax-xogħol[36], meta l-Kummissjoni taġġorna s-CSRs, fil-maġġoranza tal-każijiet hija tirreferi għar-riformi taħt l-RRF assenjati lil dawk is-sub-CSRs bħala li kkontribwew għal dan il-progress. L-analiżi li wettaqna kkonfermat li sitta mir-riformi li kienu tlestew tabilħaqq ikkontribwew għall-implimentazzjoni tas-sub-CSRs dwar l-ambjent tan-negozju korrispondenti. Barra minn hekk, tliet riformi oħra, li ma kinux tlestew kompletament iżda kienu laħqu stadji importanti, tqiesu wkoll bħala fatturi importanti għat-titjiba fil-grad (ara l-***Anness VI***).

[36] Ir-Rapport Speċjali 10/2025, il-paragrafu 71.

70 Għas-sitt sub-CSRs li kien ittejbilhom il-grad minħabba kontribut mir-riformi taħt l-RRF assenjati lilhom, aħna nikkonkludu li l-kontribuzzjoni kienet sostanzjali fi tliet każijiet, iżda parzjali għat-tlieta l-oħra, billi t-titjibiet fil-grad kienu jeħtieġu wkoll miżuri oħra li ma kinux jaqgħu taħt l-RRF, jew kienu jaqgħu taħt l-RRF iżda ma kinux assenjati lis-sub-CSR korrispondenti (ara t-*Tabella 5*).

### Tabella 5 | Titjibiet fil-grad tas-sub-CSRs dwar l-ambjent tan-negozju u l-punt sa fejn ir-riformi kkontribwew lejn it-titjiba fil-grad, għall-Istati Membri fil-kampjun

| Stati Membri fil-kampjun | Titjibiet fil-grad tas-sub-CSRs | Titjibiet fil-grad li jirreferi għar-riformi assenjati taħt l-RRF | Valutazzjoni tal-kontribut tar-riformi assenjati taħt l-RRF għat-titjiba fil-grad b'rabta mal-progress | |
|---|---|---|---|---|
| | | | Parzjali | Sostanzjali |
| **Il-Bulgarija** | 3 | - | - | - |
| **Spanja** | 2 | 2 | 2 | - |
| **Ċipru** | 2 | 2 | - | 2 |
| **L-Awstrija** | 2 | 2 | 1 | 1 |
| **Total** | **9** | **6** | **3** | **3** |

*Sors:* il-QEA.

71 Fl-aħħar nett, nirrikonoxxu li l-implimentazzjoni tal-RRF għadha għaddejja, u jaf għadu kmieni wisq biex joħorġu riżultati sinifikanti minn dawn ir-riformi. Tabilħaqq, għalkemm qbiżna nofs il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-RRF, il-maġġoranza tar-riformi tal-ambjent tan-negozju inklużi fl-RRPs għad iridu jitlestew. Kif diġà osservajna qabel[37], il-valutazzjoni tal-impatt tar-riformi fl-RRPs nazzjonali jeħtieġ li tkun is-suġġett ta' evalwazzjonijiet *ex post*.

[37] Ir-Rapport Speċjali 26/2023, il-paragrafu 83; ir-Rapport Speċjali 10/2025, il-paragrafu 62.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija mis-Sur Petri Sarvamaa, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-30 ta' Settembru 2025.

*Għall-Qorti Ewropea tal-Awdituri*

Tony Murphy
*Il-President*

# Annessi

## Anness I — Dwar l-awditu

### Informazzjoni ġenerali

#### Koordinazzjoni tal-politiki tal-ambjent tan-negozju fl-UE permezz tas-Semestru Ewropew

(1) L-Istati Membri, xi drabi flimkien mar-reġjuni tagħhom, huma responsabbli biex jirregolaw b'mod effettiv l-ambjent u l-kundizzjonijiet disponibbli għad-ditti biex jiġu stabbiliti, joperaw, u — fejn meħtieġ — jagħlqu b'mod effiċjenti. Fil-qasam ta' kompetenza tagħha, l-UE tista' taġixxi bi tliet modi: l-ewwel nett, permezz tal-leġiżlazzjoni u t-tfassil ta' politiki ġenerali; it-tieni, billi tikkoordina l-politiki ekonomiċi fi ħdan il-qafas tas-Semestru Ewropew; u t-tielet, billi tiffinanzja miżuri u attivitajiet speċifiċi.

(2) Is-Semestru Ewropew[1] għandu l-għan li jikkoordina l-politiki ekonomiċi u soċjali fl-Istati Membri, abbażi tal-Artikolu 121 tat-TFEU. L-Artikolu 121 jirrikjedi li l-pajjiżi tal-UE għandhom iqisu l-linji tal-politika ekonomika tagħhom bħala materja ta' interess komuni u għandhom jikkordinawhom fi ħdan il-Kunsill. Kull sena, il-Kummissjoni tippubblika rapporti tal-pajjiżi u proposti għal rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (CSRs) għal kull Stat Membru.

#### Appoġġ tal-politiki dwar l-ambjent tan-negozju permezz tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza

(3) L-RRF ġiet stabbilita b'baġit inizjali ta' EUR 724 biljun. Billi għadd ta' Stati Membri ddeċidew li ma jużawx il-komponent tas-self allokat lilhom, sa tmiem l-2024 kienu ġew impenjati EUR 650 biljun (EUR 359 biljun f'għotjiet u EUR 291 biljun f'self).

[1] Ir-Regolament (UE) 2024/1263 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali.

(4) L-RRF hija implimentata taħt ġestjoni diretta, u l-Kummissjoni hija direttament responsabbli mill-passi ewlenin fl-implimentazzjoni tal-faċilità[2]. Biex jirċievu appoġġ mill-RRF, l-Istati Membri kellhom jippreżentaw il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza (RRPs) tagħhom, li jinkludu sett ta' miżuri — riformi jew investimenti. Il-Kummissjoni mbagħad ivvalutat l-RRPs[3], u wara, il-Kunsill approvahom fl-għamla ta' deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Kunsill (CIDs).

(5) Il-Kummissjoni qasmet is-sitt pilastri ddefiniti fir-Regolament dwar l-RRF fi 52 qasam ta' politika, u kull riforma jew investiment assenjathom lil massimu ta' 2 oqsma ta' politika (ara l-*Figura 1*). Wieħed mit-52 qasam ta' politika ddefiniti mill-Kummissjoni huwa l-"ambjent tan-negozju". Skont l-ittaggjar li għamlet il-Kummissjoni, l-Istati Membri stmaw kostijiet totali ta' EUR 33 biljun għall-miżuri tal-RRF ittaggjati mal-qasam ta' politika "ambjent tan-negozju", jiġifieri kważi EUR 1 000 000 000 għar-riformi u EUR 32 biljun għall-investimenti (ara t-*Tabella 1*).

## Figura 1 | Is-sitt pilastri tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza




*Sors:* il-QEA, abbażi tat-Tabella ta' Valutazzjoni għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Kummissjoni.

---

2 L-Artikolu 8 tar-Regolament dwar l-RRF.

3 L-Artikolu 19 tar-Regolament dwar l-RRF.

## Tabella 1 | Kostijiet stmati għall-RRF relatati mal-"ambjent tan-negozju"

| Qasam ta' politika | (Biljun) EUR | | |
|---|---|---|---|
| | Riformi | Investimenti | Total |
| Kostijiet stmati għall-miżuri kollha tal-RRF ittaggjati mal-qasam ta' politika "ambjent tan-negozju" taħt l-RRF | | | |
| Qasam ta' politika primarju | 0.11 | 18.60 | **18.71** |
| Qasam ta' politika sekondarju | 0.81 | 13.73 | **14.54** |
| **Total** | **0.92** | **32.33** | **33.25** |
| **Kostijiet stmati għall-miżuri kollha taħt l-RRF relatati mas-sub-CSRs dwar l-ambjent tan-negozju** | | | |
| miżuri tal-RRF assenjati lil 82 sub-CSR u ttaggjati ma' 37 qasam ta' politika primarju differenti tal-RRF | 6.07 | 103.38 | 109.44 |

*Sors:* il-QEA, abbażi ta' *data* pprovduta mill-Kummissjoni.

(6) Il-biċċa l-kbira mill-miżuri li jappoġġaw il-qasam ta' politika dwar l-ambjent tan-negozju taħt l-RRF huma inklużi fit-tielet pilastru dwar "tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv". F'sens wiesa', miżuri addizzjonali jaf jikkontribwixxu wkoll direttament jew indirettament għall-ambjent tan-negozju. Diżaggregazzjoni tal-miżuri taħt it-tielet pilastru turi d-diversi oqsma ta' politika li flimkien jindirizzaw il-ħtiġijiet tan-negozju u jipprovdu appoġġ lin-negozji u lill-industrija permezz tal-RRF (ara l-***Figura 2***).

## Figura 2 | Diżaggregazzjoni tan-nefqa li tappoġġa tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv għal kull qasam ta' politika




*Sors:* Kummissjoni Ewropea Tabella ta' Valutazzjoni (*data* estratta fil-21 ta'Lulju 2025). Traduzzjonijiet: il-QEA.

(7) Ir-Regolament dwar l-RRF jistabbilixxi wkoll rabta ċara mas-Semestru Ewropew[4]. B'mod partikolari, ir-riformi u l-investimenti stabbiliti fl-RRPs inizjali kienu mistennija jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti minnhom identifikati fis-CSRs tal-2019 u l-2020. Għall-biċċa l-kbira mill-Istati Membri, dawn is-CSRs kienu jinkludu sfidi għall-ambjent tan-negozju. Barra minn hekk, jekk il-pjanijiet nazzjonali kellhom jiġu riveduti, l-RRPs emendati kellhom jieħdu inkunsiderazzjoni is-CSRs l-aktar reċenti.

## Ambitu u approċċ tal-awditjar

(8) L-awditu li wettaqna kellu l-għan li jivvaluta jekk ir-riformi tal-ambjent tan-negozju taħt l-RRF ikkontribwewx b'mod effettiv biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-Istati Membri identifikati matul is-Semestru Ewropew, kif stabbilit fis-CSRs, u jekk l-implimentazzjoni tagħhom wasslitx biex jintlaħqu l-objettivi intenzjonati.

(9) Ix-xogħol tal-awditjar li wettaqna kien jinkludi r-rieżaminar ta' dokumenti u intervisti rilevanti mal-Kummissjoni, mal-awtoritajiet nazzjonali, u ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra (organizzazzjonijiet jew unions rappreżentattivi tan-negozju) fl-Istati Membri li żorna.

(10) Aħna bbażajna l-kriterji tal-awditjar tagħna prinċipalment fuq ir-Regolament dwar l-RRF, il-gwida relatata tal-Kummissjoni u d-dokumenti rilevanti tas-Semestru Ewropew. Id-dettalji dwar il-kriterji tal-awditjar huma pprovduti fit-taqsimiet rispettivi ta' dan ir-rapport.

(11) Aħna ninnutaw li miżuri oħra tal-RRF ittaggjati ma' oqsma ta' politika għajr dak tal-"ambjent tan-negozju" jikkontribwixxu direttament jew indirettament għall-prospetti ta' tkabbir usa' għan-negozju: (investimenti li jindirizzaw tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi strutturali, riformi tat-taxxa, politiki tax-xogħol, infrastruttura ewlenija, xogħlijiet tal-enerġija u tal-ilma, u riformi u investimenti fl-amministrazzjoni pubblika).

(12) Għall-ewwel mistoqsija tal-awditjar: aħna qisna l-157 riforma u l-254 investiment kollha assenjati lit-82 sub-CSRs dwar l-ambjent tan-negozju u inklużi fl-RRPs tal-Istati Membri kollha. Aħna vvalutajna jekk dawn indirizzawx l-isfidi tal-ambjent tan-negozju li ġew identifikati fis-Semestru Ewropew, u sa liema livell. L-***Anness II*** jipprovdi links għal-lista ta' sub-CSRs u miżuri tal-RRF kif ukoll tabella li fiha l-valutazzjoni dettaljata li wettaqna tal-punt sa fejn il-miżuri tal-RRF jindirizzaw is-sub-CSRs.

[4] L-Artikoli 18(4)(b) u 19(3)(b) tar-Regolament dwar l-RRF.

(13) Għat-tieni mistoqsija tagħna, ivvalutajna jekk kampjun ta’ 25 riforma tal-RRF relatati man-negozju f’4 Stati Membri (il-Bulgarija, Spanja, Ċipru u l-Awstrija) ġewx implimentati kif ippjanat. Għall-valutazzjoni li wettaqna tal-4 Stati Membri, identifikajna l-15-il sub-CSRs kollha li ġew assoċjati mill-Kummissjoni mal-qasam ta’ politika “ambjent tan-negozju”. Aħna sibna li 56 riforma taħt l-RRF ġew assenjati lil dawn is-sub-CSRs, li minnhom 46 kellhom jitlestew sa Ġunju 2024. Minn dawn ħadna kampjun ta’ 25 riforma fejn ivverifikajna jekk l-istadji importanti jew il-miri finali tagħhom kinux intlaħqu saż-żmien indikat fis-CID oriġinali.

## Tabella 2 | Kampjun ta’ riformi tal-ambjent tan-negozju

| **Stat Membru** | **CSRs relatati mal-ambjent tan-negozju** | **Riformi taħt l-RRF assenjati lis-CSRs dwar l-ambjent tan-negozju fl-RRP oriġinali** | **Li minnhom ir-riformi li kellhom jitlestew sa Ġunju 2024** | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | Sub-CRSs | Riformi taħt l-RRF | Total | Kampjun | % |
| Il-Bulgarija | 3 | 12 | 10 | 10 | 100 % |
| Spanja | 3 | 26 | 25 | 4 | 16 % |
| Ċipru | 5 | 12 | 6 | 6 | 100 % |
| L-Awstrija | 4 | 5 | 5 | 5 | 100 % |
| **Total** | **15** | **56** | **46** | **25** | **54 %** |

*Sors:* il-QEA, abbażi ta’ *data* pprovduta mill-Kummissjoni.

(14) Għall-kampjun ta’ riformi fi Stati Membri individwali relatati mat-tieni mistoqsija tagħna, għażilna miżuri — filwaqt li evitajna li nirduppjaw l-isforzi tal-awditjar għal miżuri li diġà konna awditjajna f’kompiti oħra — li kienu fattibbli fi ħdan l-iskeda ta’ żmien tal-missjoni tagħna, kif ġej:

- għall-Awstrija, il-Bulgarija u Ċipru, ħadna 100 % tar-riformi li kellhom jitlestew sa Ġunju 2024;
- fil-każ ta’ Spanja, mill-25 riforma li kellhom jitlestew sa Ġunju 2024, għażilna 4 u eskludejna 21 għar-raġunijiet li ġejjin:
  - 9 riformi kienu diġà ġew awditjati fix-xogħol tagħna rigward id-dikjarazzjoni ta’ assigurazzjoni fi snin preċedenti;

- 4 riformi kienu diġà qed jiġu awditjati fi ħdan ir-rapport tagħna dwar ir-riformi relatati max-xogħol; u
- tmien riformi kellhom oqsma ta’ politika primarji u suġġetti li fil-fehma tagħna ffukaw inqas fuq aspetti ewlenin tal-ambjent tan-negozju, jew huma ffukati fuq suġġetti li diġà koprejna f’awditi oħra (bħat-tranżizzjoni diġitali u l-istat tad-dritt).

# Anness II — Links għal aktar informazzjoni teknika magħmula disponibbli fuq il-pjattaforma ta' *data* miftuħa tal-QEA

Dan l-anness fih links għal tliet dokumenti li għamilna disponibbli fuq il-pjattaforma ta' *data* miftuħa tal-QEA.

(1) Lista ta' sub-CSRs dwar l-ambjent tan-negozju

(2) Lista ta' riformi u investimenti tal-RRF assoċjati mas-sub-CSRs dwar l-ambjent tan-negozju

(3) Valutazzjoni li wettqet il-QEA tal-punt sa fejn kull sub-CSR ġiet indirizzata

# Anness III — Valutazzjoni tal-output tar-riformi li tlestew fl-Istati Membri fil-kampjun

| Pajjiż | Riformi | Stadju importanti/mira | Output tal-valutazzjoni |
|---|---|---|---|
| Il-Bulgarija | **BG-C[C3]-R[R1] Qafas legali sabiex jiġi attirat l-investiment industrijali u jiġu żviluppati ekosistemi industrijali** | **M35** Id-dħul fis-seħħ tal-Att il-ġdid dwar il-Parks Industrijali<br>**Indikatur kwalitattiv:** Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali<br>**Tlestija ppjanata:** l-ewwel trimestru tal-2021 | Stadju importanti milħuq/mira milħuqa |
| | **BG-C[C7]-R[R2] L-użu effiċjenti tal-ispettru tal-frekwenza tar-radju** | **M137** Id-dħul fis-seħħ tad-digriet dwar it-tnaqqis fit-tariffi tal-ispettru<br>**Indikatur kwalitattiv:** Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali<br>**Tlestija ppjanata:** l-ewwel trimestru tal-2021 | Stadju importanti milħuq/mira milħuqa |
| | | **M138** It-tlestija tal-assenjament tal-ispettru fil-banda ta’ 26 GHz<br>**Indikatur kwalitattiv:** Komunikazzjoni tal-assenjament tal-ispettru lill-operaturi<br>**Tlestija ppjanata:** ir-raba trimestru tal-2022 | Stadju importanti milħuq/mira milħuqa |
| | | **M139** It-tlestija tal-assenjament tal-ispettru disponibbli fil-baned ta’ 700 MHz u 800 MHz<br>**Indikatur kwalitattiv:** Komunikazzjoni tal-assenjament tal-ispettru lill-operaturi<br>**Tlestija ppjanata:** l-ewwel trimestru tal-2023 | Stadju importanti milħuq/mira milħuqa |

| Pajjiż | Riformi | Stadju importanti/mira | Output tal-valutazzjoni |
|---|---|---|---|
| | **BG-C[C7]-R[R3]**<br>**Il-ħolqien ta' ambjent favorevoli ta' investiment** | **M140 Id-dħul fis-seħħ ta' tibdil leġiżlattiv li jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet skont is-Sett ta' Għodod għall-Konnettività**<br>**Indikatur kwalitattiv:** Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali<br>**Tlestija ppjanata:** ir-raba' trimestru tal-2020 | Stadju importanti/mira parzjalment lest(a) |
| | **BG-C[C10]-R[R4]**<br>**It-tisħiħ tal-proċeduri ta' insolvenza** | **M228** Id-dħul fis-seħħ ta' emendi leġiżlattivi għad-Dritt Kummerċjali fir-rigward tal-proċeduri tal-insolvenza u tar-ristrutturar<br>**Indikatur kwalitattiv:** Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali<br>**Tlestija ppjanata:** it-tielet trimestru tal-2022 | Stadju importanti milħuq/mira milħuqa |
| | | **M229** Miżuri għall-implimentazzjoni tar-riforma għall-qafas tal-insolvenza mwettqin<br>**Indikatur kwalitattiv**: lista tat-taħriġ dwar il-qafas il-ġdid tal-insolvenza organizzat u mwassal, kopji tal-manwali, kodiċijiet, mudelli u linji gwida adottati, pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali<br>**Tlestija ppjanata:** it-tieni trimestru tal-2023 | Stadju importanti milħuq/mira milħuqa |
| | **BG-C[C10]-R[R5]**<br>**Riforma diġitali tas-settur tal-kostruzzjoni Bulgaru** | **M230** Strateġija u pjan direzzjonali għall-introduzzjoni tal-Immudellar tal-Informazzjoni dwar il-Bini (BIM) fid-disinn, fl-eżekuzzjoni u fil-manutenzjoni tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni<br>**Indikatur kwalitattiv:** Strateġija u pjan direzzjonali għall-introduzzjoni tal-BIM<br>**Tlestija ppjanata:** L-ewwel trimestru tal-2023 | Stadju importanti milħuq/mira milħuqa |

| Pajjiż | Riformi | Stadju importanti/mira | Output tal-valutazzjoni |
|---|---|---|---|
| | **BG-C[C10]-R[R9]<br>It-titjib tal-kwalità tal-proċess leġiżlattiv** | **M241** Id-dħul fis-seħħ tar-Regoli għall-Organizzazzjoni u għall-Attività tal-Assemblea Nazzjonali<br>**Indikatur kwalitattiv:** Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali<br>**Tlestija ppjanata:** ir-raba' trimestru tal-2021 | Stadju importanti milħuq/mira milħuqa |
| **Spanja** | **ES-C[C13]-R[R2]<br>Strateġija Spanja Nazzjon Intraprenditorjali** | **M192** Dħul fis-seħħ tal-Liġi dwar Negozji Ġodda<br>**Indikatur kwalitattiv:** Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali<br>**Tlestija ppjanata:** ir-raba' trimestru tal-2022 | Stadju importanti milħuq/mira milħuqa |
| | **ES-C[C14]-R[R1]<br>Id-Digriet Irjali li jimplimenta l-Fond Finanzjarju Statali għall-Kompetittività tat-Turiżmu (FOCIT)** | **M214** Pjan għall-promozzjoni tas-settur tat-turiżmu<br>**Indikatur kwalitattiv:** Il-pjan għandu jiddeskrivi miżuri biex tingħata spinta lis-settur tat-turiżmu u jiddefinixxi l-qafas għall-implimentazzjoni ta' miżuri relatati mat-turiżmu.<br>**Tlestija ppjanata:** it-tieni trimestru tal-2022 | Stadju importanti milħuq/mira milħuqa |
| | | **M215** Tnedija tas-sit elettroniku "Dataestur" li jiġbor *data* dwar it-turiżmu<br>**Indikatur kwalitattiv:** Sit elettroniku<br>**Tlestija ppjanata:** ir-raba' trimestru tal-2020 | Stadju importanti milħuq/mira milħuqa |
| | | **M216** Dħul fis-seħħ tad-Digriet Irjali li jimplimenta l-Fond Finanzjarju Statali għall-Kompetittività tat-Turiżmu<br>**Indikatur kwalitattiv:** Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali<br>**Tlestija ppjanata:** ir-raba' trimestru tal-2021 | Stadju importanti milħuq/mira milħuqa |

| Pajjiż | Riformi | Stadju importanti/mira | Output tal-valutazzjoni |
|---|---|---|---|
| | **ES-C[C28]-R[R1]** **Miżuri meħuda fl-2020 u fl-2021 biex jittaffew l-effetti tal-pandemija tal-COVID-19** | **M385** Miżuri fiskali adottati fl-2020 u fl-2021 biex jittaffew l-effetti tal-pandemija tal-COVID-19. **Indikatur kwalitattiv:** Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali **Tlestija ppjanata:** l-ewwel trimestru tal-2021 | Stadju importanti milħuq/mira milħuqa |
| Ċipru | **CY-C[C2.1]-R[R3]** **Il-Punt Uniku ta' Kuntatt diġitali biex jiġu ssimplifikati l-permessi tal-proġetti SER u biex tiġi ffaċilitata r-Rinnovazzjoni Enerġetika fil-Bini** | **M22** Pjattaforma tal-IT kompletament operattiva **Indikatur kwalitattiv:** Pjattaforma tal-IT kompletament operattiva (ċertifikat ta' aċċettazzjoni tat-tlestija) **Tlestija ppjanata:** ir-raba' trimestru tal-2022 | Stadju importanti milħuq/mira milħuqa |
| | **CY-C[C3.2]-R[R2]** **Inċentivi biex jitħeġġu u jiġu attirati investimenti u kapital uman fir-Riċerka u l-Innovazzjoni** | **M122** Eżenzjoni mit-taxxa ta' entitajiet legali għall-investiment f'kumpaniji innovattivi **Indikatur kwalitattiv:** Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali **Tlestija ppjanata:** L-ewwel trimestru tal-2022 | Stadju importanti milħuq/mira milħuqa |
| | **CY-C[C3.3]-R[R1]** **Il-faċilitazzjoni ta' Investimenti strateġiċi** | **M134** Id-dħul fis-seħħ ta' liġi li tappoġġa l-investimenti strateġiċi, is-simplifikazzjoni tal-proċeduri għal-liċenzjar ta' investimenti strateġiċi, u l-ħruġ f'waqtu ta' permessi tal-bini **Indikatur kwalitattiv:** Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-liġi **Tlestija ppjanata:** Ir-raba' trimestru tal-2022 | Stadju importanti milħuq/mira milħuqa |

| Pajjiż | Riformi | Stadju importanti/mira | Output tal-valutazzjoni |
|---|---|---|---|
| | | **M135** It-twaqqif ta' settur fid-Dipartiment tal-Ippjanar u d-Djar tal-Ibliet għat-tisħiħ tal-faċilitazzjoni tas-sistema strateġika; il-pubblikazzjoni tas-sistema tal-proċess u tat-tfassil tal-linji gwida; u r-rappurtar mill-awtorità ta' koordinazzjoni dwar it-taħriġ ewlieni tal-persunal għall-implimentazzjoni tar-riforma.<br>**Indikatur kwalitattiv:** Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali<br>**Tlestija ppjanata:** Ir-raba' trimestru tal-2023 | Stadju importanti milħuq/mira milħuqa |
| | **CY-C[C3.3]-R[R6] L-inċentivi għall-promozzjoni ta' fużjonijiet u akkwiżizzjonijiet** | **M143** Pjan ta' azzjoni għal inċentivi għal fużjonijiet u akkwiżizzjonijiet<br>**Indikatur kwalitattiv:** Rapport u l-pjan ta' azzjoni li jakkumpanjah mill-Kunsill tal-Ministri dwar inċentivi speċifiċi għall-promozzjoni ta' fużjonijiet u akkwiżizzjonijiet<br>**Tlestija ppjanata:** ir-raba' trimestru tal-2022 | Stadju importanti milħuq/mira milħuqa |

| Pajjiż | Riformi | Stadju importanti/mira | Output tal-valutazzjoni |
|---|---|---|---|
| L-Awstrija | **AT-C[C2]-R[2C1] Leġiżlazzjoni proposta għal Darba Biss: Emenda tal-Att dwar il-Portal tas-Servizzi tan-Negozju** | **M56** Titjib tal-infrastruttura tal-IT rilevanti<br>**Indikatur kwalitattiv:** Dħul fis-seħħ ta' emenda leġiżlattiva li tintroduċi l-prinċipju ta' "darba biss" fl-Att dwar il-Portal tas-Servizzi tan-Negozju. L-għodod ipprovduti jinkludu l-għodda ta' stħarriġ tal-Bażi tad-*Data* tal-Obbligu tal-Informazzjoni (IVDB), u n-Network tar-Reġistru u tas-Sistemi (RSV) biex jiġu żgurati l-interoperabbiltà u l-iskambju tad-*data*<br>**Tlestija ppjanata:** ir-raba' trimestru tal-2023 | Stadju importanti milħuq/mira milħuqa |
| | | **M57** Ir-**Regolament dwar il-Bażi tad-*Data* dwar l-Obbligu tal-Informazzjoni (IVDB)** jinsab fis-seħħ, u jobbliga lill-Ministeri biex jimlew il-bażi tad-*data* b'obbligi ta' informazzjoni li jirriżultaw mil-liġijiet u r-regolamenti eżistenti. Ir-reġistri ġew konnessi skont l-iskeda ta' żmien tar-reġistrazzjoni adottata mill-Kumitat ta' Tmexxija "Darba Biss". | Stadju importanti milħuq/mira milħuqa |
| | | **M58** Il-konnessjoni tas-sistema teknika ta' Darba Biss<br>**Indikatur kwalitattiv:** Ladarba tkun ġiet stabbilita konnessjoni tas-sistema teknika biss, li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Gateway Diġitali Unika (SDG) stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/1724.<br>**Tlestija ppjanata:** ir-raba' trimestru tal-2022 | Stadju importanti milħuq/mira milħuqa |

| Pajjiż | Riformi | Stadju importanti/mira | Output tal-valutazzjoni |
|---|---|---|---|
| | **AT-C[C4]-R[4D7] Strateġija Nazzjonali għall-Edukazzjoni Finanzjarja** | **M162** Dokument strateġiku<br>**Indikatur kwalitattiv:** Pubblikazzjoni tad-dokument ta' strateġija dwar l-istrateġija nazzjonali għall-edukazzjoni finanzjarja, inkluż pjan ta' azzjoni<br>**Tlestija ppjanata:** it-tielet trimestru tal-2021 | Stadju importanti milħuq/mira milħuqa |
| | | **M163** Finalizzazzjoni tal-Qafas ta' Kompetenza għall-edukazzjoni finanzjarja<br>**Indikatur kwalitattiv:** Qafas ta' kompetenza għall-edukazzjoni finanzjarja ppubblikat, trażmess lill-Kummissjoni Ewropea<br>**Tlestija ppjanata:** ir-raba' trimestru tal-2022 | Stadju importanti milħuq/mira milħuqa |
| | **AT-C[C4]-R[4D8] Pakkett tal-bidu** | **M164** Dħul fis-seħħ tal-pakkett tal-bidu<br>**Indikatur kwalitattiv:** Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali<br>**Tlestija ppjanata:** l-ewwel trimestru tal-2022 | Stadju importanti milħuq/mira milħuqa |
| | **AT-C[C4]-R[4D9] Tisħiħ tal-kapital ta' ekwità** | **M165** Digriet dwar il-konverżjoni ta' self garantit mill-Istat f'ekwità<br>**Indikatur kwalitattiv:** Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali<br>**Tlestija ppjanata:** it-tielet trimestru tal-2021 | Stadju importanti milħuq/mira milħuqa |
| | | **M166** Dħul fis-seħħ tal-formola tal-kumpanija għal investimenti f'ishma (SICAV)<br>**Indikatur kwalitattiv:** Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali<br>**Tlestija ppjanata:** l-ewwel trimestru tal-2022 | Stadju importanti milħuq/mira milħuqa |

<table>
<tr><th>Pajjiż</th><th>Riformi</th><th>Stadju importanti/mira</th><th>Output tal-valutazzjoni</th></tr>
<tr><td rowspan="3"></td><td rowspan="3">AT-C[C4]-R[4D11] Liberalizzazzjoni tar-regolamenti tan-negozju</td><td>M169 Dħul fis-seħħ tal-Att Okkażjonali dwar it-Trasport, li għandu jabolixxi tariffa li torbot għat-trasport okkażjonali (obbligu ta’ tassimetru)<br>Indikatur kwalitattiv: Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali<br>Tlestija ppjanata: L-ewwel trimestru tal-2021</td><td>Stadju importanti milħuq/mira milħuqa</td></tr>
<tr><td>M170 Dħul fis-seħħ ta’ digriet li jagħmel il-punti tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi bil-mutur u s-sistemi fotovoltajċi f’installazzjonijiet kummerċjali bħala prinċipju eżenti mill-awtorizzazzjoni<br>Indikatur kwalitattiv: Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali<br>Tlestija ppjanata: l-ewwel trimestru tal-2021</td><td>Stadju importanti milħuq/mira milħuqa</td></tr>
<tr><td>M171 Dħul fis-seħħ tal-liġi dwar it-tneħħija tal-ostakli għat-trasferimenti tan-negozju (l-Att dwar il-Perjodu ta’ Grazzja)<br>Indikatur kwalitattiv: Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali<br>Tlestija ppjanata: l-ewwel trimestru tal-2021</td><td>Stadju importanti milħuq/mira milħuqa</td></tr>
</table>

# Anness IV — Valutazzjoni tar-riżultati tar-riformi li tlestew fl-Istati Membri fil-kampjun

Għal riformi lesti li kisbu l-outputs intenzjonati, aħna vvalutajna kemm ir-riżultati kif ukoll l-impatt, kif deskritt fil-paragrafu *51*.

| Pajjiż | Riforma | Valutazzjoni tar-riżultati/impatt | Tlestew wara r-raba' trimestru tal-2023? | Adegwatezza tal-indikaturi speċifiċi |
|---|---|---|---|---|
| Il-Bulgarija | BG-C[C3]-R[R1]<br>Qafas legali sabiex jiġi attirat l-investiment industrijali u jiġu żviluppati ekosistemi industrijali | Riżultati limitati | Le (l-ewwel trimestru tal-2021) | Adegwati |
| | BG-C[C7]-R[R2]<br>L-użu effiċjenti tal-ispettru tal-frekwenza tar-radju | Riżultati sinifikanti | Le (l-ewwel trimestru tal-2021) | Adegwati |
| | BG-C[C10]-R[R4]<br>It-tisħiħ tal-proċeduri ta' insolvenza | Riżultati limitati | Le (it-tielet trimestru tal-2023) | Adegwati |
| | BG-C[C10]-R[R5]<br>Riforma diġitali tas-settur tal-kostruzzjoni Bulgaru | L-ebda riżultat | Le (l-ewwel trimestru tal-2023) | Adegwati |
| | BG-C[C10]-R[R9]<br>It-titjib tal-kwalità tal-proċess leġiżlattiv | Riżultati limitati | Le (ir-raba' trimestru tal-2021) | Adegwati |

| Pajjiż | Riforma | Valutazzjoni tar-riżultati/impatt | Tlestew wara r-raba’ trimestru tal-2023? | Adegwatezza tal-indikaturi speċifiċi |
|---|---|---|---|---|
| Spanja | Riforma 1 (C14.R1)<br>Id-Digriet Irjali li jimplimenta l-Fond Finanzjarju tal-Istat għall-Kompetittività tat-Turiżmu (FOCIT) | Riżultati limitati | Le (it-tieni trimestru tal-2020) | Adegwati |
| | Riforma 1 (C14.R1)<br>Miżuri meħuda fl-2020 u fl-2021 biex jittaffew l-effetti tal-pandemija tal-COVID-19 | Riżultati sinifikanti | Le (l-ewwel trimestru tal-2021) | Adegwati |
| | Riforma 2 (C14.R1)<br>Strateġija Spanja Nazzjon Intraprenditorjali | Riżultati limitati | Le (it-tielet trimestru tal-2022) | Adegwati |
| Ċipru | CY-C[C2.1]-R[R3]<br>Il-Punt Uniku ta’ Kuntatt diġitali biex jiġu ssimplifikati l-permessi tal-proġetti SER u biex tiġi ffaċilitata r-Rinnovazzjoni Enerġetika fil-Bini | Riżultati limitati | Le (it-tieni trimestru tal-2023) | Adegwati |
| | CY-C[C3.2]-R[R2]<br>Inċentivi biex jitħeġġu u jiġu attirati investimenti u kapital uman fir-Riċerka u l-Innovazzjoni | Riżultati sinifikanti | Le (it-tieni trimestru tal-2022) | Adegwati |
| | CY-C[C3.3]-R[R1]<br>Il-faċilitazzjoni ta’ Investimenti strateġiċi | L-ebda riżultat | Iva (it-tieni trimestru tal-2024) | Adegwati |

| Pajjiż | Riforma | Valutazzjoni tar-riżultati/impatt | Tlestew wara r-raba' trimestru tal-2023? | Adegwatezza tal-indikaturi speċifiċi |
|---|---|---|---|---|
| | CY-C[C3.3]-R[R6]<br>L-inċentivi għall-promozzjoni ta' fużjonijiet u akkwiżizzjonijiet | L-ebda riżultat | Le (it-tielet trimestru tal-2023) | Adegwati |
| L-Awstrija | AT-C[C4]-R[4D7]<br>Strateġija nazzjonali għall-edukazzjoni finanzjarja | Riżultati sinifikanti | Le (it-tielet trimestru tal-2021) | Adegwati |
| | AT-C[C4]-R[4D8]<br>Pakkett tal-bidu | Riżultati limitati | Le (ir-raba' trimestru tal-2023) | Adegwati |
| | AT-C[C4]-R[4D9]<br>Tisħiħ tal-kapital ta' ekwità | Riżultati limitati | Le (it-tielet trimestru tal-2021) | Adegwati |
| | AT-C[C2]-R[2C1]<br>Leġiżlazzjoni proposta għal Darba Biss: Emenda tal-Att dwar il-Portal tas-Servizzi tan-Negozju | Riżultati sinifikanti | Iva (it-tieni trimestru tal-2024) | Adegwati |
| | AT-C[C4]-R[4D11]<br>Liberalizzazzjoni tar-regolamenti tan-negozju | L-ebda riżultat | Iva (it-tieni trimestru tal-2024) | L-ebda indikatur |

# Anness V — Progress fl-implimentazzjoni tas-sub-CSRs

## L-evoluzzjoni tal-implimentazzjoni tas-sub-CSRs dwar l-ambjent tan-negozju skont il-valutazzjoni li wettqet il-Kummissjoni

| Pajjiż | Sena | Sub-CSR | Valutazzjoni 2021 | Valutazzjoni 2022 | Valutazzjoni 2023 | Valutazzjoni 2024 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Belġju | 2020 | 3.1 | Xi progress | Implimentazzjoni sħiħa | Implimentazzjoni sħiħa | Implimentazzjoni sħiħa |
| | | 3.2 | Progress limitat | Xi progress | Xi progress | Xi progress |
| | | 3.4 | Xi progress | Xi progress | Xi progress | Xi progress |
| | 2019 | 4.1 | Progress limitat | Xi progress | Xi progress | Xi progress |
| Il-Bulgarija | 2020 | 3.1 | Xi progress | Progress sostanzjali | Progress sostanzjali | Progress sostanzjali |
| | | 3.4 | Progress limitat | Xi progress | Xi progress | Xi progress |
| | 2019 | 3.4 | Xi progress | Xi progress | Xi progress | Progress limitat |
| Iċ-Ċekja | 2020 | 3.1 | Xi progress | Xi progress | Progress limitat | Xi progress |
| | | 3.2 | Progress limitat | Progress limitat | Xi progress | Xi progress |
| | | 3.4 | Xi progress | Xi progress | Progress limitat | Xi progress |
| | 2019 | 3.4 | Progress limitat | Progress limitat | Progress limitat | Progress limitat |
| Id-Danimarka | 2020 | 2.2 | Xi progress | Progress sostanzjali | Progress sostanzjali | Progress sostanzjali |
| Il-Ġermanja | 2020 | 2.2 | Xi progress | Xi progress | Xi progress | Xi progress |
| | | 2.10 | Xi progress | Xi progress | Xi progress | Xi progress |
| | | 2.11 | Xi progress | Xi progress | Xi progress | Xi progress |
| | 2019 | 1.1 | Xi progress | Xi progress | Xi progress | Xi progress |
| L-Estonja | 2020 | 3.2 | Xi progress | Xi progress | Xi progress | Xi progress |
| | | 3.8 | Xi progress | Xi progress | Xi progress | Xi progress |
| | | 3.9 | Xi progress | Xi progress | Xi progress | Xi progress |
| L-Irlanda | 2020 | 3.1 | Progress sostanzjali | Progress sostanzjali | Progress sostanzjali | Progress sostanzjali |
| | | 3.3 | Xi progress | Xi progress | Xi progress | Xi progress |
| | 2019 | 3.6 | Xi progress | Xi progress | Xi progress | Xi progress |
| | | 3.7 | Xi progress | Xi progress | Xi progress | Xi progress |
| Il-Greċja | 2020 | 3.1 | Progress sostanzjali | Progress sostanzjali | Progress sostanzjali | Progress sostanzjali |
| | | 3.3 | Xi progress | Xi progress | Xi progress | Xi progress |
| | | 4.1 | Progress sostanzjali | Progress sostanzjali | Progress sostanzjali | Progress sostanzjali |
| | 2019 | 1.1 | Progress sostanzjali | Progress sostanzjali | Progress sostanzjali | Progress sostanzjali |
| Spanja | 2020 | 3.1 | Xi progress | Progress sostanzjali | Progress sostanzjali | Progress sostanzjali |
| | | 3.3 | Progress limitat | Xi progress | Xi progress | Xi progress |
| | 2019 | 2.10 | Xi progress | Xi progress | Xi progress | Xi progress |
| Franza | 2020 | 3.1 | Progress sostanzjali | Implimentazzjoni sħiħa | Implimentazzjoni sħiħa | Implimentazzjoni sħiħa |
| | | 3.3 | Xi progress | Progress sostanzjali | Progress sostanzjali | Progress sostanzjali |
| | | 4.1 | Progress limitat | Progress limitat | Progress limitat | Progress limitat |
| | | 4.2 | Xi progress | Xi progress | Xi progress | Xi progress |
| | | 4.3 | Progress sostanzjali | Progress sostanzjali | Progress sostanzjali | Progress sostanzjali |
| | 2019 | 4.1 | Progress sostanzjali | Progress sostanzjali | Progress sostanzjali | Progress sostanzjali |
| | | 4.2 | Progress limitat | Progress limitat | Progress limitat | Progress limitat |
| | | 4.3 | Implimentazzjoni sħiħa | Implimentazzjoni sħiħa | Implimentazzjoni sħiħa | Implimentazzjoni sħiħa |
| Il-Kroazja | 2020 | 3.1 | Progress sostanzjali | Implimentazzjoni sħiħa | Implimentazzjoni sħiħa | Implimentazzjoni sħiħa |
| | | 3.2 | Progress limitat | Xi progress | Progress sostanzjali | Progress sostanzjali |
| | | 3.5 | Xi progress | Progress limitat | Progress limitat | Xi progress |
| | 2019 | 4.4 | Progress limitat | Xi progress | Progress sostanzjali | Progress sostanzjali |

| Pajjiż | Sena | Sub-CSR | Valutazzjoni 2021 | Valutazzjoni 2022 | Valutazzjoni 2023 | Valutazzjoni 2024 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| L-Italja | 2020 | 3.1 | Progress sostanzjali | Progress sostanzjali | Progress sostanzjali | Progress sostanzjali |
| | | 3.3 | Xi progress | Xi progress | Xi progress | Xi progress |
| | 2019 | 5.2 | Xi progress | Xi progress | Xi progress | Xi progress |
| Ċipru | 2020 | 3.1 | Xi progress | Xi progress | Xi progress | Xi progress |
| | | 3.3 | Progress limitat | Xi progress | Xi progress | Xi progress |
| | 2019 | 4.6 | Progress limitat | Progress limitat | Progress limitat | Xi progress |
| | | 4.7 | Xi progress | Xi progress | Xi progress | Xi progress |
| | | 5.2 | Progress limitat | Progress limitat | Progress limitat | Progress sostanzjali |
| Il-Latvja | 2020 | 3.1 | Xi progress | Xi progress | Progress sostanzjali | Progress sostanzjali |
| | | 3.3 | Xi progress | Xi progress | Xi progress | Xi progress |
| Il-Litwanja | 2020 | 3.1 | Xi progress | Xi progress | Xi progress | Xi progress |
| | | 3.3 | Xi progress | Xi progress | Xi progress | Xi progress |
| | | 3.7 | Xi progress | Xi progress | Xi progress | Xi progress |
| Il-Lussemburgu | 2020 | 3.1 | Progress sostanzjali | Progress sostanzjali | Implimentazzjoni sħiħa | Implimentazzjoni sħiħa |
| | | 3.3 | Progress limitat | Xi progress | Progress limitat | Progress limitat |
| L-Ungerija | 2020 | 3.1 | Progress sostanzjali | Progress sostanzjali | Progress sostanzjali | Progress sostanzjali |
| | | 3.3 | Progress sostanzjali | Progress sostanzjali | Progress sostanzjali | Progress sostanzjali |
| Malta | 2020 | 3.3 | Xi progress | Xi progress | Xi progress | Xi progress |
| In-Netherlands | 2020 | 3.2 | Xi progress | Progress limitat | Progress limitat | Progress limitat |
| L-Awstrija | 2020 | 3.1 | Progress sostanzjali | Progress sostanzjali | Progress sostanzjali | Implimentazzjoni sħiħa |
| | | 3.2 | Xi progress | Xi progress | Xi progress | Progress sostanzjali |
| | | 3.4 | Xi progress | Xi progress | Xi progress | Xi progress |
| | 2019 | 3.4 | Xi progress | Xi progress | Xi progress | Xi progress |
| Il-Polonja | 2020 | 3.3 | L-ebda progress | L-ebda progress | Progress limitat | Progress limitat |
| Il-Portugall | 2020 | 2.4 | Progress limitat | Xi progress | Xi progress | Xi progress |
| | | 3.1 | Progress sostanzjali | Progress sostanzjali | Progress sostanzjali | Progress sostanzjali |
| | | 3.3 | Xi progress | Xi progress | Xi progress | Progress sostanzjali |
| | 2019 | 4.2 | Progress limitat | Progress limitat | Progress limitat | Progress limitat |
| Ir-Rumanija | 2020 | 3.1 | Progress sostanzjali | Implimentazzjoni sħiħa | Implimentazzjoni sħiħa | Implimentazzjoni sħiħa |
| | | 3.3 | Xi progress | Xi progress | Xi progress | Xi progress |
| Is-Slovenja | 2020 | 3.2 | Xi progress | Xi progress | Xi progress | Xi progress |
| | | 3.4 | Progress limitat | Progress limitat | Xi progress | Xi progress |
| | 2019 | 2.2 | Xi progress | Xi progress | Xi progress | Xi progress |
| Is-Slovakkja | 2020 | 3.1 | Xi progress | Xi progress | Progress sostanzjali | Xi progress |
| | | 3.4 | Xi progress | Xi progress | Xi progress | Xi progress |
| | | 4.2 | Progress limitat | Xi progress | Xi progress | Xi progress |
| | 2019 | 3.6 | Progress limitat | Xi progress | Xi progress | Xi progress |
| Il-Finlandja | 2020 | 3.1 | Progress sostanzjali | Progress sostanzjali | Implimentazzjoni sħiħa | Implimentazzjoni sħiħa |
| | | 3.3 | Xi progress | Xi progress | Implimentazzjoni sħiħa | Implimentazzjoni sħiħa |
| L-Iżvezja | 2020 | 2.4 | Xi progress | Xi progress | Xi progress | Xi progress |

*Sors:* il-QEA, abbażi tar-rapporti tal-pajjiżi li ħejjiet il-Kummissjoni għall-perjodu 2021–2024.

# Anness VI — Ir-rilevanza tar-riformi assenjati taħt l-RRF għall-valutazzjoni li wettqet il-Kummissjoni tas-sub-CSRs dwar l-ambjent tan-negozju fl-Istati Membri inklużi fil-kampjun

## Il-Bulgarija

(1) Għall-Bulgarija, sa issa ġew implimentati sitt riformi. Ir-riformi kollha taħt l-RRF huma assenjati lis-sub-CSR 2019 3.4. Ir-riforma tal-"Qafas legali sabiex jiġi attirat l-investiment industrijali u jiġu żviluppati ekosistemi industrijali" (BG-C[C3]-R [R1]) hija assenjata wkoll lis-sub-CSR 2020 3.1. Tnejn minn tliet sub-CSRs juru titjiba fil-grad, u waħda tnaqqis fil-grad, b'rabta mal-valutazzjoni li l-Kummissjoni wettqet tal-istatus ta' implimentazzjoni (ara t-***Tabella 1***).

(2) **Il-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tas-sub-CSR 2019 3.4** tnaqqset fil-grad fl-2024. Skont l-ispjegazzjoni fil-bażi ta' *data* CeSaR (il-bażi ta' *data* interna tal-Kummissjoni li tinkludi l-valutazzjonijiet tas-CSRs), il-miżuri biex jittejjeb l-ambjent tan-negozju u jitneħħew l-ostakli eżistenti għall-investiment sa issa ma wasslux għal titjib sinifikanti. L-impenji li saru fl-RRP Bulgaru mexjin fid-direzzjoni t-tajba, iżda għadhom fl-istadji bikrija ta' implimentazzjoni, u ġie osservat dewmien. Ir-riformi u l-investimenti tal-RRF li qed jittieħdu inkunsiderazzjoni huma:

— "Riforma diġitali tas-settur tal-kostruzzjoni Bulgaru" (BG-C[C10]-R[R5]);

— "Qafas legali biex jiġi attirat l-investiment industrijali u jiġu żviluppati ekosistemi industrijali" (BG-C[C3]-R[R1]); u

— "Sistema ta' informazzjoni unifikata għall-ġestjoni tat-territorju, għat-tfassil tal-investiment u għall-awtorizzazzjoni tal-kostruzzjoni", li huwa l-investiment (BG-C[C10]-I[I7]), mistenni li jitlesta sa Ġunju 2026.

(3) **Il-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tas-sub-CSR 2020 3.1** turi titjiba fil-grad b'rabta mal-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-2022. Ma stajna nsibu l-ebda referenza fil-valutazzjoni li l-Kummissjoni wettqet tas-CeSaR fl-2022 għall-implimentazzjoni tar-riforma ttaggjata "Qafas legali biex jiġi attirat l-investiment industrijali u jiġu żviluppati l-ekosistemi industrijali" (BG-C[C3]-R[R1]). Il-progress huwa attribwit prinċipalment għal miżuri oħra li ma jaqgħux taħt l-RRF. Fil-valutazzjoni li wettqet fl-2024, il-Kummissjoni tagħmel referenza għal miżuri oħra taħt l-RRF li mhumiex assoċjati ma' din is-sub-CSR. Iż-żewġ investimenti li għaddejjin bħalissa li huma ppjanati li jitlestew sa Ġunju 2026 huma dawn li ġejjin:

— "Programm ta' trasformazzjoni ekonomika" (BG-C[C3]-I[I2]); u

— "Programm sabiex jiġu aċċellerati l-irkupru u t-trasformazzjoni ekonomiċi permezz tar-riċerka u permezz tal-innovazzjoni" (BG-C[C2]-I[I1]).

(4) **Il-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tas-sub-CSR 2020 3.4** turi titjiba fil-grad b'rabta mal-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-2022. Minkejja li ma ġiet assenjata l-ebda miżura taħt l-RRF għal din is-sub-CSR, il-Kummissjoni tirreferi għal tliet riformi u investimenti taħt l-RRF bħala li jikkontribwixxu għall-progress tagħha:

— ir-riforma "Qafas legali biex jiġi attirat l-investiment industrijali u jiġu żviluppati l-ekosistemi industrijali" (BG-C[C3]-R[R1]);

— ir-riforma "Użu effiċjenti tal-ispettru tal-frekwenza tar-radju" (BG-C[C7]-R[R2]); u

— l-investiment "Programm ta' appoġġ pubbliku għall-iżvilupp ta' distretti industrijali, ta' parks industrijali u ta' territorji simili u l-attirar ta' investimenti ("AttractInvestBG")" (BG-C[C3]-I[I1]), minkejja li d-data ta' implimentazzjoni ppjanata tiegħu hija Ġunju 2026.

(5) Dan juri inkonsistenza fl-assoċjazzjoni tal-miżuri tal-RRF ma' sub-CSRs.

# Tabella 1 | Il-Bulgarija: Implimentazzjoni ta' sub-CSRs u riformi

| CSR | Deskrizzjoni | L-ewwel trimestru tal-2021 | Semestru Ewropew Valutazzjoni<br>It-tieni trimestru tal-2021 | It-tielet trimestru tal-2021 | Ir-raba' trimestru tal-2021 | L-ewwel trimestru tal-2022 | Semestru Ewropew Valutazzjoni<br>It-tieni trimestru tal-2022 | It-tielet trimestru tal-2022 | Ir-raba' trimestru tal-2022 | L-ewwel trimestru tal-2023 | Semestru Ewropew Valutazzjoni<br>It-tieni trimestru tal-2023 | It-tielet trimestru tal-2023 | Ir-raba' trimestru tal-2023 | L-ewwel trimestru tal-2024 | Semestru Ewropew Valutazzjoni<br>It-tieni trimestru tal-2024 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2019 3.4 | Tiffoka l-politika ekonomika fuq […] li ttejjeb l-ambjent tan-negozju. | BG-C[C3]-R[R1]<br>BG-C[C7]-R[R3] | Xi Progress | | BG-C[C10]-R[R9] | | Xi Progress | | | BG-C[C10]-R[R5] | Xi Progress | | BG-C[C7]-R[R2] | BG-C[C10]-R[R4] | Progress Limitat |
| 2020 3.1 | Tissimplifika u taċċellera l-proċeduri biex tipprovdi appoġġ effettiv għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju u għal dawk li jaħdmu għal rashom. | BG-C[C3]-R[R1] | Xi Progress | | | | Progress Sostanzjali | | | | Progress Sostanzjali | | | | Progress Sostanzjali |
| 2020 3.4 | Tippromwovi l-investiment privat biex jitrawwem l-irkupru ekonomiku. | | Progress Limitat | | | | Xi Progress | | | | Xi Progress | | | | Xi Progress |

*Sors:* il-QEA, abbażi ta' valutazzjonijiet mill-Kummissjoni għall-perjodu 2021–2024.

## Spanja

(6) Għal Spanja, żewġ riformi taħt l-RRF kienu ġew implimentati sa Ġunju 2024. Dawn ir-riformi huma assenjati lil tnejn minn fost tliet sub-CSRs fil-kampjun tagħna. Tnejn minn fost tliet sub-CSRs juru titjiba fil-grad b'rabta mal-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-istatus ta' implimentazzjoni (ara t-*Tabella 2*).

(7) **Il-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tas-sub-CSR 2020 3.1** turi titjiba fil-grad b'rabta mal-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-2022. Il-valutazzjoni li l-Kummissjoni wettqet fl-2022 tirreferi għal tliet riformi taħt l-RRF li jikkontribwixxu għall-progress tagħha:

— ir-riforma assenjata "Miżuri meħuda fl-2020 u fl-2021 biex jittaffew l-effetti tal-pandemija tal-COVID-19" (ES-C[C28]-R[R1]);

— ir-riforma assenjata "Titjib tar-regolamentazzjoni tan-negozju u l-klima"(ES-C[C13]-R[R1]); u

— ir-riforma mhux assenjata "Digriet Irjali li jimplimenta l-Fond Finanzjarju tal-Istat għall-Kompetittività tat-Turiżmu (FOCIT)" (ES-C[C14]-R[R1]).

(8) **Il-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tas-sub-CSR 2020 3.3** turi titjiba fil-grad b'rabta mal-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-2022. Il-valutazzjoni li l-Kummissjoni wettqet fl-2022 tirreferi għat-tnedija ta' pjanijiet biex tingħata spinta lill-katina tal-valur tas-settur awtomobilistiku u lis-settur tat-turiżmu bħala riformi u investimenti taħt l-RRF li jikkontribwixxu għall-progress tagħha:

— ir-riforma assenjata "Digriet Irjali li jimplimenta l-Fond Finanzjarju tal-Istat għall-Kompetittività tat-Turiżmu (FOCIT)" (ES-C[C14]-R[R1]); u

— l-investiment assenjat "Programm biex tingħata spinta lill-kompetittività u s-sostenibbiltà industrijali" (ES-C[C12]-I[I2]).

## Tabella 2 | Spanja: Implimentazzjoni ta’ sub-CSRs u riformi

| | | | Semestru Ewropew Valutazzjoni | | | | Semestru Ewropew Valutazzjoni | | | | Semestru Ewropew Valutazzjoni | | | | Semestru Ewropew Valutazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| CSR | Deskrizzjoni | wwel trimestru tal-20 | It-tieni trimestru tal-2021 | It-tielet trimestru tal-2021 | Ir-raba’ trimestru tal-2021 | L-ewwel trimestru tal-2022 | It-tieni trimestru tal-2022 | It-tielet trimestru tal-2022 | Ir-raba’ trimestru tal-2022 | L-ewwel trimestru tal-2023 | It-tieni trimestru tal-2023 | It-tielet trimestru tal-2023 | Ir-raba’ trimestru tal-2023 | L-ewwel trimestru tal-2024 | It-tieni trimestru tal-2024 |
| 2019 2.10 | Iżżid il-kooperazzjoni bejn l-edukazzjoni u n-negozji bil-ħsieb li ttejjeb il-provvista ta’ ħiliet u kwalifiki rilevanti għas-suq tax-xogħol. | | Xi Progress | | | | Xi Progress | | | | Xi Progress | | | | Xi Progress |
| 2020 3.1 | Tiżgura l-implimentazzjoni effettiva ta’ miżuri li jipprovdu likwidità lil intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju u lil dawk li jaħdmu għal rashom, inkluż billi jiġu evitati ħlasijiet tard. | ES-C[C28]-R[R1] | Xi Progress | | | ES-C[C13]-R[R1]* | Progress Sostanzjali | | | | Progress Sostanzjali | | | | Progress Sostanzjali |
| 2020 3.3 | Tippromwovi l-investiment privat biex jitrawwem l-irkupru ekonomiku. | | Progress Limitat | | ES-C[C14]-R[R1] | | Xi Progress | | | | Xi Progress | | | | Xi Progress |

*Nota:* * tqiesu stadji importanti speċifiċi għat-titjiba fil-grad tas-CSR, billi mhux l-istadji importanti kollha kienu tlestew sat-tieni trimestru tal-2022.

*Sors:* il-QEA.

## Ċipru

(9) Għal Ċipru, sa issa ġew implimentati tliet riformi taħt l-RRF. Tlieta minn fost ħames sub-CSRs juru titjiba fil-grad b’rabta mal-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-istatus ta’ implimentazzjoni (ara t-*Tabella 3*).

(10) **Il-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tas-CSR 2019 4.6** ittejbitilha l-grad fl-2024 minn progress “limitat” għal “xi progress”. Il-Kummissjoni tirreferi għal tliet riformi assenjati bħala li jikkontribwixxu għall-progress tagħha:

— ir-riforma assenjata “Il-Punt Uniku ta’ Kuntatt diġitali biex jiġu ssimplifikati l-permessi tal-proġetti SER u biex tiġi ffaċilitata ir-Rinnovazzjoni Enerġetika fil-Bini” (CY-C[C2.1]-R[R3]);

— ir-riforma assenjata “Il-Faċilitazzjoni ta’ Investimenti Strateġiċi” (CY-C[C3.3]-R[R1]); u

— ir-riforma assenjata “Strateġija biex jiġu indirizzati l-inadegwatezzi tas-sistema ta’ tranżazzjoni tal-proprjetà (titoli ta’ proprjetà)” (CY-C[C3.5]-R[R3]).

(11) Ir-riforma għall-punt uniku ta’ kuntatt diġitali kienet l-unika riforma li tlestiet sa Ġunju 2024. Ir-riformi li kien fadal tqiesu bħala parzjalment lesti.

(12) **Il-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tas-CSR 2019 5.2** ittejbitilha l-grad fl-2024 minn progress "limitat" għal "sostanzjali". Il-Kummissjoni tirreferi għal riforma assenjata waħda bħala li tikkontribwixxi għall-progress tagħha:

— ir-riforma "Strateġija biex jiġu indirizzati l-inadegwatezzi tas-sistema ta' tranżazzjoni tal-proprjetà (titoli ta' proprjetà)" CY-C[C3.5]-R[R3].

(13) Għal din is-sub-CSR, il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-implimentazzjoni tat-tliet stadji importanti intermedji u mira waħda, filwaqt li tiddikjara li dawn l-iżviluppi jindikaw "progress sostanzjali". Qabel ma s-CSR tiġi vvalutata bħala implimentata bis-sħiħ, wieħed għad irid jara jekk dawn l-emendi effettivament indirizzawx il-kwistjoni jew le. Din ir-riforma ma kinitx ġiet implimentata bis-sħiħ sa Ġunju 2024, u stadju importanti għad irid jintlaħaq fir-rigward tad-dħul fis-seħħ tar-regolamentazzjoni tat-toroq u tal-bini (l-istadju importanti M196). Ilu jiġi diskuss fil-Parlament sa minn Ottubru 2023.

(14) **Il-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tas-CSR 2020 3.3** ittejbitilha l-grad fl-2022 minn progress "limitat" għal "xi progress". Il-Kummissjoni tirreferi għal tliet riformi assenjati u tliet investimenti assenjati bħala li jikkontribwixxu għall-progress tagħha:

— ir-riforma "Faċilitazzjoni ta' Investimenti Strateġiċi" (CY-C[C3.3]-R[R1]);

— ir-riforma "It-tisħiħ tal-Mekkaniżmu ta' Attivazzjoni Rapida tan-Negozju" (CY-C[C3.3]-R[R2]);

— ir-riforma "Id-disinn u l-ħolqien ta' Aġenzija Promozzjonali Nazzjonali" (CY-C[C3.3]-R[R4]);

— l-investiment "Il-fond ta' ekwità ffinanzjat mill-Istat" (CY-C[C3.3]-I[I6]);

— l-investiment "It-tisħiħ tal-valur miżjud tas-settur tat-turiżmu b'enfasi fuq il-kampanja, iż-żoni muntanjużi u remoti" (CY-C[C3.1]-I[I10]);

— l-investiment "Il-Ħolqien ta' Identità Kummerċjali Nazzjonali u l-promozzjoni tal-prodott tradizzjonali *halloumi*" (CY-C[C3.1]-I[I5]).

(15) Għalkemm assenjati lis-sub-CSR rilevanti, mhux ir-riformi u l-investimenti kollha kienu tlestew bis-sħiħ matul il-valutazzjoni. Il-miżuri ttieħdu inkunsiderazzjoni bħala li tlestew parzjalment.

(16) Barra minn hekk, tliet riformi assenjati li tlestew sa Ġunju 2024 u ġew ittaggjati ma' tliet sub-CSRs — 2019 4.7, 2020 3.1 u 2020 3.3 — ma wasslu għall-ebda titjiba fil-grad b'rabta mal-istatus ta' progress fis-snin li fihom tlestew.

## Tabella 3 | Ċipru: Implimentazzjoni ta' sub-CSRs u riformi

| CSR | Deskrizzjoni | wwel trimestru tal-20 | It-tieni trimestru tal-2021 (Semestru Ewropew Valutazzjoni) | It-tielet trimestru tal-2021 | Ir-raba' trimestru tal-2021 | L-ewwel trimestru tal-2022 | It-tieni trimestru tal-2022 (Semestru Ewropew Valutazzjoni) | It-tielet trimestru tal-2022 | Ir-raba' trimestru tal-2022 | L-ewwel trimestru tal-2023 | It-tieni trimestru tal-2023 (Semestru Ewropew Valutazzjoni) | It-tielet trimestru tal-2023 | Ir-raba' trimestru tal-2023 | L-ewwel trimestru tal-2024 | It-tieni trimestru tal-2024 (Semestru Ewropew Valutazzjoni) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2019 4.6 | Jadotta leġiżlazzjoni biex jissimplifika l-proċeduri li jippermettu lill-investituri strateġiċi jiksbu l-permessi u l-liċenzji neċessarji. | | Progress Limitat | | | | Progress Limitat | | | CY-C[C2.1]-R[R3] Q2 23 | Progress Limitat | | | CY-C[C2.1]-R[R3]<br>CY-C[C3.3]-R[R1]*<br>CY-C[C3.5]-R[R3]* | Xi Progress |
| 2019 4.7 | Itejjeb l-aċċess tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju għal finanzjament. | | Xi Progress | | | CY-C[C3.2]-R[R2] It-tieni trimestru tal-2022 | Xi Progress | | | | Xi Progress | CY-C[C3.3]-R[R6] | | | Xi Progress |
| 2019 5.2 | Jieħu ħsieb li jkun hemm sistemi affidabbli u rapidi għall-ħruġ u għat-trasferiment ta' titoli tal-proprjetà u ta' drittijiet tal-proprjetà immobbli. | | Progress Limitat | | | | Progress Limitat | | | | Progress Limitat | | | CY-C[C3.5]-R[R3]* | Progress Sostanzjali |
| 2020 3.1 | Jiżgura aċċess adegwat għall-finanzi u għal-likwidità, speċjalment għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. | | Xi Progress | | | CY-C[C3.2]-R[R2] Q2 22 | Xi Progress | | | | Xi Progress | CY-C[C3.3]-R[R6] | | | Xi Progress |
| 2020 3.3 | Jippromwovi l-investiment privat biex jitrawwem l-irkupru ekonomiku. | | Progress Limitat | | | | Xi Progress | | | | Xi Progress | CY-C[C3.3]-R[R6] | | CY-C[C3.3]-R[R1]*<br>CY-C[C3.3]-R[R2]*<br>CY-C[C3.3]-R[R4]* | Xi Progress |

*Nota:* * ma tlestietx sa l-ewwel trimestru tal-2024, iżda l-istadji importanti individwali li tlestew ittieħdu inkunsiderazzjoni għat-titjiba fil-grad tas-CSR.

*Sors:* il-QEA.

## L-Awstrija

(17) Għall-Awstrija, ħames riformi taħt l-RRF fil-kampjun tagħna kienu ġew implimentati sa Ġunju 2024. Riformi oħra taħt l-RRF mhux fil-kampjun tagħna huma msemmija fil-valutazzjonijiet tas-sub-CSR 2020 3.1 u sub-CSR 2020 3.2. Tnejn minn fost erba' sub-CSRs dwar l-ambjent tan-negozju juru titjiba fil-grad b'rabta mal-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-istatus ta' implimentazzjoni (ara t-*Tabella 4*).

(18) **Il-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tas-CSR 2019 3.4**: tliet riformi assenjati lis-sub-CSR 2019 3.4 ġew implimentati sar-raba' trimestru tal-2023. Madankollu, il-valutazzjoni tal-implimentazzjoni ta' din is-sub-CSR baqgħet l-istess wara li ġew implimentati r-riformi. L-evalwazzjoni mill-Kummissjoni tas-sub-CSR tappoġġa ż-żamma tal-istatus, fejn tiddikjara li għalkemm l-Awstrija bħalissa qed timplimenta pakkett tal-bidu li huwa parti mill-RRP Awstrijak, is-suq żgħir u volatili għall-kapital ta' ekwità (b'mod partikolari l-kapital ta' riskju) jaġixxi bħala ostaklu għat-tkabbir ta' ditti innovattivi u orjentati lejn it-tkabbir.

(19) **Il-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tas-CSR 2020 3.1** ittejbitilha l-grad fl-2024. Skont l-ispjegazzjoni fil-bażi ta' *data* CeSaR, il-Kummissjoni ddikjarat li, bl-introduzzjoni tal-pakkett tal-bidu inkluża l-introduzzjoni ta' forma ġdida ta' kumpanija magħrufa bħala *Flexible Kapitalgesellschaft*, din is-sub-CSR kienet ġiet indirizzata bis-sħiħ. Ir-riforma taħt l-RRF li ttieħdet inkunsiderazzjoni hija:

— ir-riforma "Pakkett tal-bidu" (AT-C[C4]-R[4D8]).

(20) **Il-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tas-CSR 2020 3.2** ittejbitilha l-grad fl-2024. Il-Kummissjoni qieset tliet riformi bħala rilevanti għall-progress tagħha:

— ir-riforma mhux assenjata "Pakkett tal-bidu" (AT-C[C4]-R[4D8]);

— ir-riforma assenjata "Leġiżlazzjoni proposta għal Darba Biss: Emenda tal-Att dwar il-Portal tas-Servizzi tan-Negozju" (AT-C[C2]-R[2C1]); u

— ir-riforma assenjata "Liberalizzazzjoni tar-regolamenti tan-negozju" (AT-C[C4]-R[4D11]).

(21) Tliet riformi lesti tqiesu bħala li jikkontribwixxu għall-progress ta' din is-sub-CSR speċifika (Pakkett tal-bidu, Darba Biss, u l-Liberalizzazzjoni tar-regolamenti tan-negozju).

## Tabella 4 | L-Awstrija: Implimentazzjoni ta' sub-CSRs u riformi

| | | | Semestru Ewropew Valutazzjoni | | | | Semestru Ewropew Valutazzjoni | | | | Semestru Ewropew Valutazzjoni | | | | Semestru Ewropew Valutazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **CSR** | **Deskrizzjoni** | **wwel trimestru tal-20** | **It-tieni trimestru tal-2021** | **It-tielet trimestru tal-2021** | **Ir-raba' trimestru tal-2021** | **L-ewwel trimestru tal-2022** | **It-tieni trimestru tal-2022** | **It-tielet trimestru tal-2022** | **Ir-raba' trimestru tal-2022** | **L-ewwel trimestru tal-2023** | **It-tieni trimestru tal-2023** | **It-tielet trimestru tal-2023** | **Ir-raba' trimestru tal-2023** | **L-ewwel trimestru tal-2024** | **It-tieni trimestru tal-2024** |
| **2019 3.4** | Tappoġġa t-tkabbir tal-produttività billi tistimula d-diġitalizzazzjoni tal-intrapriżi u t-tkabbir tal-kumpaniji. | | Xi Progress | | | | Xi Progress | | | | Xi Progress | AT-C[C4]-R[4D7] AT-C[C4]-R[4D9] | AT-C[C4]-R[4D8] | | Xi Progress |
| **2020 3.1** | Tiżgura implimentazzjoni effettiva ta' miżuri ta' likwidità u ta' appoġġ, b'mod partikolari għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. | | Progress Sostanzjali | | | | Progress Sostanzjali | | | | Progress Sostanzjali | | AT-C[C4]-R[4D8] | | Implimentazzjoni Sħiħa |
| **2020 3.2** | Tnaqqas il-piż amministrattiv u regolatorju. | | Xi Progress | | | | Xi Progress | | | | Xi Progress | | AT-C[C4]-R[4D8] | AT-C[C2]-R[2C1] AT-C[C4]-R[4D11] | Progress Sostanzjali |
| **2020 3.4** | Tippromwovi l-investiment privat biex jitrawwem l-irkupru ekonomiku. | | Xi Progress | | | | Xi Progress | | | | Xi Progress | | | | Xi Progress |

*Sors:* il-QEA.

# Abbrevjazzjonijiet

| | |
|---|---|
| **CID** | Deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill |
| **CSR** | Rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż |
| **RRF** | Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza |
| **RRP** | Pjan għall-irkupru u r-reżiljenza |
| **Sub-CSR** | Parti minn rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż |
| **SWD** | Dokument ta' ħidma tal-persunal |
| **TFUE** | Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |

# Glossarju

| | |
|---|---|
| **Dokument ta' ħidma tal-persunal** | Dokument mhux vinkolanti tal-Kummissjoni li jiġi prodott biex jiġi diskuss, jew internament jew inkella barra mill-istituzzjoni. |
| **Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza** | Il-mekkaniżmu ta' appoġġ finanzjarju tal-UE biex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali tal-pandemija tal-COVID-19 u jiġi stimulat l-irkupru, u jiġu ffaċċati l-isfidi ta' futur aktar ekoloġiku u diġitali. |
| **Mira** | Kejl kwantitattiv tal-progress ta' Stat Membru fit-tlestija ta' riforma jew investiment fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tiegħu. |
| **Pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza** | Dokument li jistipula r-riformi u l-investimenti intenzjonati ta' Stat Membru fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. |
| **Programm ta' wara l-assistenza** | Mekkaniżmu ta' monitoraġġ maħsub biex il-pajjiż żgur jibqa' fuq perkors finanzjarju stabbli wara li jirċievi għajnuna finanzjarja. |
| **Rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż** | Gwida annwali li l-Kummissjoni toħroġ, bħala parti mis-Semestru Ewropew, lill-Istati Membri individwali dwar il-politiki makroekonomiċi, baġitarji u strutturali tagħhom. |
| **Semestru Ewropew** | Ċiklu annwali li jipprovdi qafas għall-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri tal-UE u għall-monitoraġġ tal-progress. |
| **Stadju importanti** | Kejl kwalitattiv tal-progress ta' Stat Membru fit-tlestija ta' riforma jew investiment fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tiegħu. |

# Risposti tal-Kummissjoni

https://www.eca.europa.eu/mt/publications/sr-2025-21

# Skeda ta’ żmien

https://www.eca.europa.eu/mt/publications/sr-2025-21

# Tim tal-awditjar

Ir-rapporti speċjali tal-QEA jippreżentaw ir-riżultati tal-awditi li twettaq ta' politiki u programmi tal-UE, jew ta' suġġetti relatati mal-ġestjoni minn oqsma baġitarji speċifiċi. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex timmassimizza l-impatt tagħhom billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jseħħu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni twettaq mill-Awla IV tal-Awditjar– Regolamentazzjoni tas-swieq u ekonomija kompetittiva, li hija mmexxija minn Petri Sarvamaa, Membru tal-QEA. L-awditu tmexxa minn Ivana Maletić, Membru tal-QEA, li ngħatat appoġġ minn Sandra Diering, Kap tal-Kabinett, Juan Ignacio Gonzalez Bastero, Maniġer Prinċipali; Jacques Sciberras, Kap tal-Kompitu; Sorana Rotta, Valentina-Adriana Visan u Tiago Ribeiro, Awdituri. Alexandra Damir-Binzaru pprovdiet appoġġ grafiku u Irene Lopez Arranz ipprovdiet appoġġ segretarjali.



*Mix-xellug għal-lemin:* Valentina-Adriana Visan, Jacques Sciberras, Sandra Diering, Ivana Maletić, Juan Ignacio Gonzalez Bastero, Irene Lopez Arranz, Tiago Ribeiro u Sorana Rotta.

# DRITTIJIET TAL-AWTUR

© Unjoni Ewropea, 2025

Il-politika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu mill-ġdid hija stabbilita fid-Deċiżjoni Nru 6–2019 tal-QEA dwar il-politika tad-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor (eż. f'avviżi individwali dwar id-drittijiet tal-awtur), il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA li jkun proprjetà tal-UE huwa liċenzjat taħt il-liċenzja tal-Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0). Għalhekk, bħala regola ġenerali, l-użu mill-ġdid huwa awtorizzat sakemm jingħata kreditu xieraq u li kwalunkwe bidla tiġi indikata. Dawk li jużaw mill-ġdid il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA ma jistgħux ibiddlu s-sinifikat jew il-messaġġ oriġinali. Il-QEA ma għandha tkun responsabbli għall-ebda konsegwenza relatata mal-użu mill-ġdid.

Irid jinkiseb permess addizzjonali jekk kontenut speċifiku juri individwi privati identifikabbli, eż. f'ritratti tal-persunal tal-QEA, jew jinkludi xogħlijiet ta' parti terza.

Fejn ikun inkiseb permess ta' dan it-tip, dan għandu jikkanċella u jissostitwixxi l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.

Għal użu jew riproduzzjoni ta' kontenut li ma jkunx proprjetà tal-UE, jaf ikun meħtieġ li jintalab il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Ritratt fuq il-paġna tal-qoxra: © peteri – stock.adobe.com.

Figura 1 – Ikoni: dawn tfasslu bl-użu ta' riżorsi minn Flaticon.com. © Freepik Company S.L. Id-drittijiet kollha huma riżervati.

Software jew dokumenti li jkunu koperti mid-drittijiet ta' proprjetà industrijali, bħal privattivi, trademarks, disinji rreġistrati, logos u ismijiet, huma esklużi mill-politika tal-QEA dwar l-użu mill-ġdid.

Il-familja ta' siti elettroniċi istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, fid-dominju europa.eu, tipprovdi links għal siti ta' partijiet terzi. Peress li l-QEA ma għandha l-ebda kontroll fuqhom, inti mħeġġeġ taqra l-politiki tagħhom dwar il-privatezza u dwar id-drittijiet tal-awtur.

### Użu tal-logo tal-QEA

Ma jistax isir użu mil-logo tal-QEA mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tagħha minn qabel.


| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| HTML | ISBN 978-92-849-5886-3 | ISSN 1977-5741 | doi:10.2865/3532243 | QJ-01-25-054-MT-Q |
| PDF | ISBN 978-92-849-5887-0 | ISSN 1977-5741 | doi:10.2865/9611931 | QJ-01-25-054-MT-N |

# KIF TIKKWOTA

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ir-Rapport Speċjali 21/2025: "L-appoġġ mill-RRF għal ambjent tan-negozju mtejjeb — Jindirizza biss parzjalment ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, iżda xi wħud mill-ewwel riżultati kkontribwew għall-progress fl-implimentazzjoni tagħhom", l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025.

Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), li tiswa EUR 650 biljun, ġiet stabbilita fi Frar 2021 b'rispons għall-pandemija tal-COVID-19.

Aħna wettaqna awditu biex naraw jekk il-miżuri tal-RRF, b'mod partikolari r-riformi, jindirizzawx l-isfidi tal-ambjent tan-negozju li ġew identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (CSRs), u jekk kisbux ir-riżultati mistennija.

Sibna li l-RRF tindirizza parzjalment l-isfidi tal-ambjent tan-negozju, u li xi problemi strutturali għadhom ma ġewx indirizzati. Filwaqt li l-miżuri li tlestew laħqu l-istadji importanti u l-miri maqbula, sa issa terz minnhom biss qed juru riżultati sinifikanti u kkontribwew għall-progress fl-implimentazzjoni tas-CSRs.

Aħna nirrakkomandaw li l-isfidi ewlenin jiġu koperti suffiċjentement, li jiġi stabbilit qafas komprensiv għall-valutazzjoni tar-riżultati u l-kontribut tal-miżuri tal-RRF għas-CSRs, u li l-oqsma ta' politika jiġu ddefiniti b'mod ċar u applikati b'mod konsistenti fl-istrumenti differenti tal-UE u s-Semestru Ewropew.

*Rapport speċjali tal-QEA skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE.*

QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/contact
Sit web: eca.europa.eu
Media soċjali: @EUauditors